**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-13 TA' ĠUNJU, 2023**

**Kawża Numru: 9K**

**Rik. Kost. 175/2020 RGM**

**Dr. Stephen Spiteri**

**vs.**

**Il-Kunsill Mediku[1] u l-Avukat tal-istat**

**Il-Qorti**

Din hija sentenza dwar talba mressqa mir-rikorrent sabiex jiġi dikjarat, fost l-oħrajn, illi l-poteri mogħtija lill-Kunsill Mediku bl-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta' Malta) fejn jirrigwarda proċeduri ta' dixxiplina kontra membri tal-professjoni medika, jiksru d-drittjiet fundamentali tar-rikorrent protetti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u

[1] B'digriet tal-4 ta' Novembru, 2020, fuq talba tar-rikorrent, l-isem fl-okkju *Kunsill Mediku Malti* ġie korrett għal *Kunsill Mediku*.

bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittjiet tal-Bniedem inkorporata fil-liġi Maltija bis-saħħa tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Preliminari.**

1. Rat ir-rikors ippreżentant mir-**rikorrent it-tabib Dr Stephen Spiteri (minn issa 'l quddiem ir-Rikorrent)** fl-1 ta' Settembru, 2020 li permezz tiegħu fisser li fis-sena 2017 minn fuq mezzi soċjali kien sar jaf li kien sar rapport kontra tiegħu lill-**Kunsill Mediku (minn issa 'l quddiem il-Kunsill)** fejn ġie allegat li kien qed joħroġ ċertifikati mediċi mingħajr ma jagħmel visita lill-pazjent. Sussegwentament f'Diċembru 2017 il-Kunsill inizja investigazzjoni fil-konfront tiegħu u talbu jagħti spjegazzjoni dwar ir-rapport li kien ġie mibgħut lill-Kunsill..

2. Jgħid illi fil-15 ta' Jannar 2018 huwa ssottometta l-ispjegazzjoni tiegħu u sussegwentement, mingħajr ma kien ingħata aktar informazzjoni, ġie mitlub sabiex fil-15 ta' Ottubru, 2018 jidher quddiem il-Kunsill sabiex iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontrih mill-istess Kunsill li kien qed jagħmel l-investigazzjoni.

3. Spjega li fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2018 deher quddiem sotto-kumitat tal-Kunsill. Jgħid li f'dik is-seduta huwa kien qajjem diversi objezzjonijiet ta' natura proċedurali għaliex saħaq illi kien hemm diversi ksur ta' proċeduri fil-konfront tiegħu. Jgħid li l-Kunsill kien talbu spjegazzjoni bħala entita investigattiva u fl-istess seduta kien ippreżenta l-lista ta' xhieda li l-Kunsill kien ser iressaq fil-vesti tiegħu ta' prosekutur. Ir-rikorrent ippremetta li fid-dawl ta' dan kollu, l-Kunsill kien iddeċieda li jagħtih żmien biex iressaq l-argumenti tiegħu u li jiġu mwieġba mill-konsulent legali tal-istess Kunsill u wara dan, il-Kunsill kellu jgħaddi għad-deċiżjoni preliminari tiegħu. Spjega li wara li għamel dan, il-Kunsill għamel l-argumenti tiegħu għas-sottomissjonijiet tar-rikorrent u li lir-rikorrent kien ser jiġġudikah hu stess.

4. Ir-rikorrent jgħid li b'dan l-atteġġjament huwa ma jistax ikollu garanzija li smigħ ħa jkun indipendenti u imparzjali. Ir-rikorrent kompla jispjega li nonostante li huwa ressaq diversi objezzjonijiet ta' natura proċedurali kif ukoll marbuta mal-jeddijiet fundamentali, il-Kunsill baqa' għaddej bil-proċedura.

5. Ir-rikorrent spjega li l-proċedura hija vvizjata meta wieħed iqis li kien il-konsulent legali li wieġeb għan-nuqqasijiet proċedurali tal-Kunsill Mediku u kien l-istess konsulent legali li wieġeb għan-nota ta' sottomissjonijiet li l-Kunsill ordna lir-rikorrent jagħmel. Ma' dan imbagħad jiżdied il-fatt li l-Kunsill kellu jgħaddi ġudizzju fuq dak imressaq mir-rikorrent u fuq dak imressaq minnu (ċioe il-Kunsill) stess. Ir-rikorrent ikkjarifika li b'din il-proċedura m'huwiex jattakka l-aġir tal-Kunsill Mediku għaliex hija entita li trid timxi mal-liġi li jkun hemm fis-seħħ, iżda huwa qed jikkontesta l-proċess fih innifsu li jista' jwassal għal pieni ta' multi, sospenzjonijiet u/jew irtirar ta' liċenzja.

6. Ir-rikorrent fisser li l-**Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta' Malta** ( minn hawn 'il quddiem **Kap. 464**) jagħti l-fakulta lill-Kunsill sabiex jinvestiga, iġib xhieda, iwieġeb sottomisjonijiet u finalment jiġġudika permezz ta' penalitajijiet kif stabbiliti taħt l-Artikolu 32 (1) tal-Kap. 464 u li għalhekk dan l-artikolu qiegħed jagħti funzjoni lill-Kunsill bħala investigatur, prosekutur u ġudikant b'mod li jippreġudika d-dritt għal smigħ xieraq quddiem tribunal indpendneti u imparzjali, bi ksur tal-Aritkolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

7. Ir-rikorrent fisser li l-Kunsill Mediku ħatar sotto-kumitat sabiex jinvestiga l-allegazzjonijiet. Jgħid li l-membri tas-sotto kumitat ma jgawdu ebda garanziji ta' indipendenza jew imparzjalita u huma membri li ma jgawdux minn *security of tenure* imma huma maħtura *ad hoc* u għalhekk ma jistawx jassiguraw li fil-qadi ta' dmijirijiethom ikunu imparzjali u indipendenti.

8. Għar-raġunijiet minnu spjegati ir-rikorrent jitlob lill-Qorti tiddikjara illi:

"1. In kwantu l-Kunsill Mediku ghandu l-funzjoni li jinvestiga, jakkuza, igib xhieda, jaghmilha ta' prosekutur, jiggudika u jimponi penalitajiet fuq ir-rikorrent b'tali mod li huwa jsir *judex in causa sua* jammonta ghal ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporta fil-Ligijiet ta' Malta permezz ta' Kapitolu 319.

2. In kwantu l-process innifsu, indipendentement minn kull decizjoni li tista' tittiehed jammonta fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ghall-ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta permezz ta' Kapitolu 319 u cioe d-dritt ghal smiegh xieraq ghax process li jista jwassal ghal piena meqjusa bhala wahda ta' natura penali qieghed jitmexxa quddiem korp li ma huwiex qorti.

3. In kwantu l-process innifsu kif immexxi mill-Kunsill Mediku bhala entita li tiddeciedi u tissanzjona minghajr garanzija ta' indipendnza u imparzjalita kif mehtieg fid-dritt ghal smiegh xieraq, jammonta ghal ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporat fil-Ligijiet ta' Malta permezz tal-Kaptiolu 319.

4. In kwantu l-Kunsill Mediku qabbad sotto-kumitat, jgħid illi dan ma hux skond il-liġi bi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq kif stabbilit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta permezz tal-Kaptiolu 319.

5. Illi l-membri tal-Kunsill Mediku kif ukoll tas-sotto-kumitat li qed jinvestiga ma jgawdux dawk il-garanziji mehtiega biex jassiguraw il-garanziji ta' qorti jew tribunal kif jitlob id-dritt ghal smiegh xieraq u ghalhekk tiddikjara ksur

ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta permezz tal-Kaptiolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Bħala rimedji jitlob illi l-Qorti (i) tiddikjara kull procedura li tkun ittiehdet fil-konfront tar-rikorrent bhala li jiksru d-dritt ghal smiegh xieraq kif garantit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta taht il-Kaptiolu 319, u (ii) tiddikjara kull procedura li tkun ittiehdet fil-konfront tar-rikorrent kif fuq premessi bhala nulli u bla effett.

9. Rat li b'**risposta tas-26 t'Ottubru 2020 l-Avukat tal-Istat** ressaq diversi eċċezzjoni bl-ewwel eċċezzjon tkun illi dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex ma ġewx eżawrieti r-rimedji ordinarji. Jgħid illi l-proċeduri quddiem il-Kunsill Mediku għadhom għaddejjin u lanqas biss għad hemm id-deċiżjoni inizjali, u wisq aktar appell u għalhekk qiegħed jistieden lil din il-Qorti sabiex tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha u dan skont l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319.

10. Fil-mertu l-Avukat tal-Istat jilqa' għat-talbiet tar-rikorrenti billi jsostni li r-rikorrent ma jistax jistrieħ fuq l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u dan għaliex hawnhekk mhux qed issir referenza għal akkużi u proċeduri kriminali u nonostante li l-effetti serji li d-deċiżjoni tal-Kunsill jista' jkollha, dan ma jfissirx li n-natura ta' tali pieni hija waħda kriminali.

11. Jilqa' wkoll billi jgħid illi d-dritt għal smigħ xieraq għandu dejjem jiġi eżaminat fil-kuntest tat-totalita tal-proċeduri u kull każ għandu jiġi studjat skont il-fattispeċi tiegħu. Fir-rigward tal-pieni imsemmija fir-rikors promotur, l-Avukat

tal-Istat jgħid li r-rikorrent għandu jipprova li dawn is-sanzjonijiet huma pieni ta' natura kriminali fl-ambitu tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Spjega li l-Artikolu 32 (1) tal-Kaptiolu 464 jagħmel distinzjoni bejn proċeduri kriminali u proċeduri amministrattiv. Jgħid illi l-proċeduri ta' dixxiplina kontra r-rikorrent m'humiex ta' natura kriminali jew piena li taqa fil-parametri ta' *hard core of criminal law* u għalhekk m'hemmx il-ħtieġa li l-proċeduri jitmexxew quddiem qorti. In oltre eċċepixxa wkoll li sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorita mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji, f'dan il-każ il-Qorti tal-Appell, allura m'hemm ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Ġie eċċepiet ukoll li r-rikorrent imkien ma semma li l-Kunsill ma ħalliehx jagħmel sottomissjonijiet tiegħu.

12. Rat li b'**risposta tad-29 t'Ottubru 2020 il-Kunsill Mediku** eċċepixxa b'mod preliminari li għandha ssir korrezzjoni fl-okkju peress li l-isem tal-Kunsill Mediku ġie erronjament indikat bħala Kunsill Mediku Malta. B'digriet tal-4 ta' Novembru, 2020 l-Qorti ordnat korrezzjoni fl-okkju tal-kawża fis-sens li ġiet kanċellata l-kelma "Malti".

13. Il-Kunsill eċċepixxa wkoll li skont l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12, il-Kunsill m'huwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri.

14. Fit-tielet eċċezzjoni tiegħu il-Kunsill jgħid illi ai termini tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319, il-proċedura odjerna hija intempestiva stante li ma ġewx ezawriti r-rimedji ordinarji. Sostna wkoll li l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni m'humiex applikabbli stante li l-investigazzjoni hija msejsa fuq l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 464 u għalhekk hija proċedura ta' natura dixxiplinarja u amministrattiva u mhux waħda ta' natura kriminali.

15. Fil-mertu eċċepixxa li huwa dejjem aġġixxa skont il-Kaptiolu 464 u l-Liġi Sussidjarja 458.08 u għalhekk ma jistax jingħad li huwa naqas b'xi mod lir-rikorrent jew li jħares id-drittijiet fundamentali tiegħu. Jgħid li dan sar billi ħoloq mekkaniżmu sabiex jaċċerta li d-dritt tas-smigħ xieraq ikun imħares inkluż bid-delegazzjoni tal-investigazzjoni lil sotto-kumitat li xogħlu huwa li jiġbor il-provi kollha, jifforma rapport u jippreżentah lill-Kunsill. Il-Kunsill eċċepixxa wkoll li mhux minnu li l-konsulent legali tagħha b'xi mod qiegħed iservi jew qatt serva ta' prosekutur fl-investigazzjoni tal-Kunsill.

16. Jgħid illi ma jistax jingħad li kien hemm ksur tal-prinċipju *nemo judex in causa sua*. In oltre eċċepixxa li lanqas ma jista jingħad li l-membri ma jgawdu ebda garanziji ta' indipendanza jew imparzjalita u li ma jgawdux *security of tenure* u dan peress li l-maġġoranza tal-membri tal-Kunsill huma maħtura mill-professjonisti innifishom inkluż mir-rikorrent.

17. Rat l-atti kollha tal-kawża.

18. Semgħat ix-xhieda u l-provi dokumentarji mressqa mill-partijiet.

19. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentata fit-8 ta' Ġunju 2022[2], in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kunsill Mediku ppreżentata fis-16 ta' Settembru 2022[3], kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fit-2 ta' Diċembru 2022[4].

20. Semgħat it-trattazzjoni finali tal-abbli avukati tal-partijiet matul is-seduta tat-22 ta' Frar, 2023.

[2] Fol 96 et seq tal-proċess.
[3] Fol 115 et seq tal-proċess.
[4] Fol 126 et seq tal-proċess.

21. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Fatti fil-Qosor.**

22. Mill-provi mressqa jirriżulta li fit-30 ta’ Novembru 2017 is-sit elettroniku Lovin’ Malta ħareġ aħbar li r-rikorrent kien qiegħed jiffirma ċertifikati mediċi mingħajr ma kien isaqsi mistoqsijiet u mingħajr ma jara l-pazjenti. L-għada Chris Peregrin għal Lovin’ Malta bagħat korrispondenza elettronika lill-Kunsill fejn għamel referenza għal dan l-artikolu kif ukoll għamel xi mistoqsijiet lill-Kunsill.[5] Il-Kunsill irrisponda lura fejn infurmawh li l-Kunsill jieħu nota u jinvestiga l-ilmenti u l-allegazzjonijiet ta’ *ethical misconduct* mit-tobba jew dentisti u dan bħala parti mill-funzjoni tiegħu taħt Kap. 464.[6]

23. Fit-18 ta’ Diċembru 2017 il-Kunsill bagħat ittra lir-rikorrent fejn ġie informat li kienu irrispondew korrispondenza minn għand Chris Peregrin li kien talab risposta għal diversi mistoqsijiet rigwardanti l-iffirmar ta’ ċertifikati mediċi mingħajr ma jara l-pazjenti. B’din l-ittra il-Kunsill talab lil Dr. Spiteri sabiex jgħid x’kienet il-posizzjoni tiegħu dwar din il-materja u kellu jissottometti l-kjarifika fi żmien 20 ġurnata.[7]

24. B’ittra datata 4 ta’ Jannar 2018, Dr. Spiteri ċaħad l-allegazzjonijiet u spjega li “*Medical certificates are issued on the basis of my professional approach of doctor-patient relationship after conducting a personal medical examiniation; in certain cases, also based on the medical history of the patient of whom i would have medical knowledge. Throughout my profession I have always issued*

[5] Fol 149 tal-proċess.
[6] Fol 147 tal-proċess.
[7] Fol 143 tal-proċess.

*certificates when visiting patients in clinics, pharmacies, hospitals and during house visits. I must state that the only occasions when I issue certificates without seeing the patient on the same day is with rega rd to chronically ill patients."*[8]

25. F'Settembru 2018[9] l-Kunsill ħareġ ***Notice of Inquiry*** li intbghatet lil Dr Spiteri taħt l-intestatura: ***"Medical Council Malta CC/24/2017 - Complaint of Mr Christian Peregrin (Founder & CEO Lovin Malta) in relation to Dr Stephen Spiteri MD., MMCFD (MC2415)".*** Permezz ta' dan l-avviż ir-rikorrent ġie informat illi l-Kunsill kien fetaħ inkjesta dwaru ai termini tal-Artikolu 31 tal-Kap. 464 fuq rapport magħmul minn Christian Peregrin bl-allegazzjonijiet fuq imsemmija. Il-Kunsill, wara li għamel referenza għal diversi artikoli ta' Kap. 464 fosthom **Artikolu 17 tal-Liġi Sussidjara 464.17** li jipprovdi illi: "**Any practitioner who signs and issues any certificate, report or other document containing statements which he knows, or ought to know, to be untrue, misleading or otherwise improper, shall be liable to have his name erased from the register"** u għall-**Artikolu 5** tal-istess liġi sussidjara li jipprovdi illi "**a doctor shall by his conduct and in all matters set a high standard"**; informah illi:

> **"You are therefore hereby accused of having in some manner failed to adhere to the professional and ethical standards applicable by virtue of Artikolu 32 (1) (b) and (1) (c) of the Health Care Professions Act (Chapter 464 of the Laws of Malta)".[10]**

[8] Fol 141 tal-proċess.
[9] Il-kopja eżebita għandha parti sostanzjali minnha nieqsa inkluż id-data tal-ħruġ tagħha iżda minn atti oħra eżebiti jidher li din inħarġet f'Settembru 2018.
[10] Fol 120 et seq tal-proċess.

26. Avzah ukoll illi l-ewwel seduta tal-inkjesta kellha tinżamm fil-15 ta' Ottubru, 2018 u li kellu dritt ikun assistit minn avukat.

27. L-ewwel seduta tal-inkjesta inżammet fil-15 ta' Ottubru 2018 minn sotto kumitat tal-Kunsill kompost minn tlett membri, il-President tal-Kunsill, u żewġ membri oħra tal-istess Kunsill, waħda mill-professjoni medika u l-ieħor membru lajk.

28. F'dik l-ewwel seduta r-rikorrent qajjem l-eċċezzjoni li l-proċeduri kienu nulli għaliex skond ir-rikorrent kien hemm ksur tal-proċeduri stabbiliti mil-Liġijiet ta' Malta; ksur tal-ġustizzja naturali u ksur tal-Kostituzzjoni. Saret trattazzjoni verbali mill-avukat tar-rikorrent u mill-avukat tal-Kunsill li ingħataw żmien sabiex dwar l-istess eċċezzjoni preliminari jippreżentaw noti ta' sottomissjonjiet, kif fil-fatt għamlu.[11]

29. B'**deċiżjoni tas-27 ta' Frar 2020** il-Kunsill, għar-raġunijiet hemm mogħtija, kkonkluda li "it-tabib koncernat ghandu d-dritt li jaghmel il-kontro-ezaminijiet kollha opportuni, iressaq il-provi li jidhirlu opportuni u li jixhed f'dawn il-proceduri." Kompla jingħad li "d-drittijiet kollha ta' Dr. Stephen Spiteri gew salvagwardjati u kif jirrizulta mit-traskrizzjonijiet ma giex imgieghel jaghmel ebda dikjarazzjoni kontra l-volonta tieghu kif donnu qed jalludu l-abbli difensuri fin-nota ta' sottomisjonijiet taghhom. Rigward is-sottomissjoni li l-procedura ma gietx segwieta, il-gurnalist imsemmi huwa indikat bhala wieħed mill-persuni li se jintalab jixhed u huwa prematur biex wiehed jghid jekk huwiex ser jitla' jixhed jew le bid-dritt ta' Dr. Stephen Spiteri li jaghmel il-kontro-ezami."[12] F'dan l-istadju ġie konkluż li l-proċeduri għandhom jitkomplew.

[11] Ara fol.94 et. seq. tal-proċess

[12] Fol 89 et seq tal-proċess.

30. It-tieni seduta inżammet mis-sotto kumitat fis-16 ta' Lulju 2020 fejn Dr. Spiteri ressaq eċċezzjoni oħra fis-sens illi l-proċeduri quddiem il-Kumitat kellhom jiġu konklużi fi żmien sentejn u dan skont l-artikolu 31 (4) tal-Kapitolu 464. Waqt is-seduta Dr. Ilona Debono bħala l-president tas-sotto-kumitat u tal-Kunsill u Dr. Michele Cardinali għall-Kunsill insistew li s-sentejn imsemmija fil-liġi jibdew jiddekorru minn meta joħroġ l-att ta' inkjesta li skont il-President tal-Kunsill inħareġ f'Settembru 2018. It-tieni eċċezzjoni mressqa mir-rikorrent waqt dik is-seduta kienet illi l-proċeduri għandhom jiġu sospiżi għaliex kien beħsiebu jiftaħ proċeduri ta' natura kostitizzjonali. Fuq dan l-aħħar punt ġie deċiż mill-Kunsill li hija l-Qorti li qudddiemha tkun qiegħda tinstema l-azzjoni kostituzzjonali li għandha tordna s-sospensjoni u kien għalhekk li f'dik is-seduta is-sotto kumitat għadda sabiex sema x-xhieda li kienu ġew imħarrka mill-istess Kunsill u ċioe Chris Peregrin u l-Assistent Kummissarju Dr. Dennis Theuma.

31. Sussegwentment ir-rikorrent ipproċeda billi intavola l-kawża odjerna.

32. Eventwalment il-proċeduri quddiem is-sotto kumitat tal-Kunsill ġew sospiżi mill-istess sotto kumitat.

**Xhieda.**

33. Ir-**rikorrent Dr Stephen Spiteri** xehed permezz t'affidavit fejn spjega li huwa sar jaf mill-mezzi soċjali illi kien sar rapport lill-Kunsill Mediku kontra tiegħgu minn sit soċjali (Lovin Malta). Sussegwentament, fit-18 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill bgħatlu ittra fejn talbu jagħti spjegazzjoni għal dak li kien ġie rrapurtat. Jgħid li huwa bagħat l-ispjegazzjoni tiegħu fl-4 ta' Jannar 2018.

34. Aktar 'il quddiem irċeva avviż mill-Kunsill li permezz tiegħu ġie informat li kellu jidher quddiem il-Kunsill f'seduta li kellha tinżamm fil-15 ta' Ottubru, 2018 kien

qed jiġi akkużat li kiser l-istandards professjonali u etiċi ai termini tal-Artikolu 32 (1) (b) (c) tal-Kap. 464. Testwalment l-avviż kien jaqra kif ġej:

"You are therefore hereby accused of having in some manner failed to adhere to the professional and ethical standards applicable by virtue of Artikolu 32 (1) (b) and (1) (c) of the Health Care Professions Act (Chapter 464 of the Laws of Malta)".[13]

35. Spjega li fl-ewwel seduta tal-15 t'Ottubru 2018, il-konsulent legali tiegħu kien informa lill-Kunsill illi kien hemm divresi ksur ta' proċeduri fil-konfront tiegħu u dan għaliex il-Kunsill kien l-ewwel talbu għal spjegazzjoni f'Jannar 2018 imbagaħd wara mingħajr ebda ġustifikzzjoni talbuh jidher quddiemhom sabiex iwieġeb għall-akkużi. Jgħid li ġie infurmat li huwa kien qiegħed jidher quddiem sotto-kumitat tal-Kunsill.

36. Preżenti għal din is-seduta kien hemm l-avukati għan-nom tal-Kunsill Mediku. Spjega li l-*Chairperson* tat lir-rikorrent żmien jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu u dawn ġew sussegwentament imwieġba mil-legali tal-Kunsill u l-istess Kunsill kellu jgħaddi għad-deċiżjoni preliminari tiegħu.

37. Jgħid li ma jistax jifhem kif kien qed jidher quddiem sotto-kumitat li kien qed jinvestigah u joħroġ taħrikiet huwa stess u li s-sottokumitat kien rappreżentat minn avukat u dan l-istess avukat kellu jagħmel sottomissjonijiet u jressaqhom quddiem l-istess sotto-kumitat li kien qed jirrapreżenta.

38. Ikompli jgħid li huwa sab ruħu f'sitwazzjoni fejn il-Kunsill ried jiddetermina l-akkużi kontra tiegħu filwaqt li l-istess Kunsill kienn ippreżenta l-lista tax-xhieda, resssaq l-argumenti tiegħu u kien ser jiġġudikah l-istess Kunsill. Spjega li meta

[13] Fol 120 et seq tal-proċess.

ra dan ħass li qatt ma kien ser ikollu u lanqas ma kien jidher li qed ikollu proċess indipendenti u imparzjali fil-konfront tiegħu. Jgħid li l-fatt li l-Kapitolu 464 jagħti l-fakulta lill-Kunsill sabiex jinvestigah, iressaq xhieda, iwieġeb sottomissjonijiet u finalment jiġġudikah huwa każ ċar li m'hemmx indipendenza tal-mod kif jitmexxa l-proċess.

39. Ikompli jgħid li l-Kunsill mhux imparzjali anke minħabba l-fatt li l-membri tiegħu m'għandhom l-ebda sigurta tal-kariga u uħud minnhom inħatru mill-Eżekuttiv u jiddipendu minnu għat-tiġdid tal-kariga tagħhom. Lanqas il-membri tas-sotto-kumitat ma jgawdu garanzija ta' indipendenza jew imparzjalita u dan għaliex ma jgawdux minn *security of tenure*. Huwa jgħid li ilmenta mal-Kunsill kif kienu ġew ippubblikati żewġ artikoli fuq sit soċjali fuq il-każ meta lanqas kienu għadhom bdew jinstemgħu xhieda. Jgħid li dan juri kemm il-Kunsill ma joffri l-ebda garanzija ta' korrettezza, indipendenza, imparzjalita u trasparenza. Jikkonkludi l-affidavit tiegħu billi spjega li dawk il-proċeduri kienu qed jiksru d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq.

40. Xehed **Arthur Camilleri**, Reġistratur tal-Kunsill Mediku. Huwa spjega li meta jsir rapport minn pazjent jew minn fuq il-*media* rigwardanti wieħed mill-professjonijiet li jirregolaw (dentisti jew tobba) huwa jressaq dak ir-rapport quddiem il-Kunsill. Jgħid li r-rapport jista' jmur quddiem (a) sotto-kumitat li janalizza l-ilment u jgħaddi r-rapport tiegħu lill-Kunsill jew (b) il-Kunsill mill-ewwel. Huwa l-Kunsill li jiddeċiedi jekk għandiex isir iktar investigazzjoni. Ix-xhud jispjega li l-Kunsill jagħmel distinzjoni bejn sotto-kumitat li janalizza l-ilmenti u sotto-kumitat ieħor li huma jsejħulu Bord li jinħatar sabiex jinvestiga tramite inkjesta. F'dan il-każ kien inħatar Bord ta' Inkjesta li l-membri huma membri tal-Kunsill. Meta ġie mistoqsi li huwa l-Kunsill Mediku li joħroġ it-taħrikiet, ix-xhud spjega li l-President tal-Kunsill toħroġ it-taħrika u anke l-partijiet jistgħu jitolbu jressqu x-xhieda tagħhom. Ix-xhud ikkonferma li r-

rikorrent kien għamel sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjonijiet li tqajmu fl-ewwel seduta. Ikkonferma wkoll li anke l-Kunsill kien intalab jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. Ikkonferma wkoll li wara li saru s-sottomissjonijiet, il-Kunsill ddeċiedi li jkompli s-smigħ.

41. Arthur Camilleri xehed ukoll permezz t'affidavit fejn spjega li huwa għamel verifiki mal-persuna li kienet tokkupa l-kariga ta' reġistratur qablu, ċioe Inez Cassar fejn kienet ikkonfermatlu li kienet irċiviet informazzjoni mingħand Christian Peregrin rigward l-allegazzjonijiet fil-konfront tat-tabib Stephen Spiteri. Meta l-Kunsill irċieva din l-informazzjoni, saret komunikazzjoni bil-miktub mir-Reġistratur tal-Kunsill lit-Tabib Spiteri sabiex jipprovdi fi żmien għoxrin ġurnata l-kummenti u kjarifiki tiegħu. Jgħid li t-tabib rrisponda bil-miktub fi żmien stipulat u l-Kunsill ħass li għandu jsir stħarriġ ulterjuri u kien għalhekk li intbagħtet *Notice of Inquiry* lit-Tabib Spiteri "kif dejjem isir f'każijiet fejn terza persuna tkun ressqet rapport mal-Kunsill Mediku biex jiġu stabbiliti l-fatti."[14]

42. F'dan l-Avviż ingħata data meta kienet ser tinżamm l-ewwel seduta tal-inkjesta tal-Kunsill u li huwa għandu l-opportunita li jippreżenta evidenza jew xhieda relatata mal-istess inkjesta. Spjega li waqt l-Inkjesta Dr Spiteri "qajjem kwistjoni ta' natura Kostituzzjonali u hawnhekk, il-Kunsill Mediku waqqaf l-inkjesta tiegħu sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri quddiem il-Qorti."[15] Huwa jkompli jgħid li l-Kunsill talab parir mingħand l-avukati tiegħu dwar jekk għandhomx jitkomplew il-proċeduri quddiem il-Bord ta' Inkjesta pendenti l-kawża kostituzzjonali u "l-Avukati tal-Kunsill taw il-parir li ġialadarba ma saret l-ebda talba quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, u wisq anqas ma kien hemm l-ebda direzzjoni mill-Qorti dwar dan, il-parir tal-Avukati kien li l-proċeduri jitkomplew."[16]

[14] Fol 171 tal-proċess.
[15] *ibid.*
[16] Fol 171 – 172 tal-proċess.

In kontro-eżami spjega li meta l-Kunsill jirċievi ilment il-proċedura hi li l-ilment jarah sotto-kumitat imbagħad jitlob il-verżjoni tat-tabib. Jara l-verżjoni mogħtija mit-tabib u jara jistax jieħu deċiżjoni minn hemm. Meta s-sotto-kumitat jidhirlu li ma jistax jasal għal deċiżjoni u għandu bżonn jisma l-partijiet kollha hemmhekk tinfetaħ inkjesta li jitqies bħala stħarriġ ulterjuri.

Jikkonferma li l-akkużi joħorġu mill-Kunsill.

Meta ġie mistoqsi dwar liema pożizzjoni ħa s-sottokumitat fir-rigward tat-tkomplija tal-proċeduri meta tqajmu l-kwistjonijiet kostituzzjonali, ix-xhud ikkonferma li s-sottokumitat mexa mas-sottomissjonijiet mogħtija mill-avukat tiegħu.

Għall-mistoqsija dwar jekk il-vertenza rigward kellhiex titkompla l-proċedura quddiem il-Bord wara li ġiet intavolata l-kawża odjerna, ġietx diskussa fi ħdan il-Kunsill Mediku u l-avukati tiegħu nternament mingħajr involviment ta' Dr Spiteri jew l-avukat tiegħu, ix-xhud jikkonferma li d-diskussjoni kienet waħda interna mingħajr l-involviment ta' Dr. Spiteri.

In ri-eżami x-xhud ikjarifika li dak li ġie diskuss internament ma kienx il-mertu tal-każ iżda jekk kellux ikun hemm is-soprassessjoni tas-seduti. Reġa' sar kontro-eżami u x-xhud kkonferma li wara li ġie deċiż mill-Kunsill li l-proċess jibqa' għaddej u li fit-3 ta' Settembru, 2020 kien tela jixhed il-persuna li għamlet l-ilment.

Ix-xhud Arthur Camilleri spjega illi sussegwentement is-sotto kumitat kien issospenda l-proċeduri quddiemu pendenti l-eżitu tal-kawża kostituzzjonali.

**Sottomissjonijiet mill-partijiet.**

***Dr Stephen Spiteri***

43. L-ilment ewlieni ta' Dr. Spiteri huwa li l-Kunsill Mediku ma jistax joħroġ l-akkużi kontrih u jiġġudikah hu wkoll; jgħid li meta jsir dan kull garanzija li l-proċess huwa trasparenti u imparzjali tiġi fix-xejn anke għaliex is-sanzjonijiet li jistgħu jiġu komminati fil-konfront tiegħu huma ta' natura penali. Għamel referenza għas-sentenza **Reno Schembri Wismayer vs. Chairman tal-Bord ta' l-Ispizjata** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2003 u għas-sentenza **Rosette Thake et vs. Kummissjoni Elettorali et** deċiża fit-8 t'Ottubru 2018 mill-Qorti Kostituzzjoni.

44. Permezz tas-sentenza *Schembri Wismayer* ir-rikorrent irid jissostanzja l-ilmenti tiegħu dwar il-mod kif qed jiġi kondott is-smigħ mis-sotto kumitat maħtur mill-Kunsill; filwaqt li permezz tas-sentenza *Thake* ir-rikorrent irid jissostanzja l-ilment tiegħu illi stante li s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kap. 464 huma ta' natura penali għandu jkun ġudikat minn qorti u mhux mill-Kunsill.

45. Ir-rikorrent jillamenta li huwa sab ruħu f'idejn il-Kunsill li jiddeċiedi hu u dan jingħad peress li huwa l-Kunsill li ħareġ l-akkużi, huwa l-Kunsill li ppreżenta xhieda, il-Kunsill iddeċieda li ssir nota ta' osservazzjonijiet fuq l-argumenti imqajma mir-rikorrent u kien il-Kunsill li analizza u ddeċieda fuq l-argumenti sottomessi minnu u mill-konsulent legali tal-istess Kunsill.

46. Ikompli jgħid li apparti li l-Kunsill jinvestiga u għandu l-poteri jiġġudika, għandu s-setgħa li jimponi pieni li jvarjaw minn multi għal sospensjonijiet u irtirar ta' liċenzji. Rigwardanti l-eċċezzjoni tal-intimati li kellu l-ewwel jagħmel użu mir-rimedju ordinarju, ir-rikorrent jgħid li dan huwa argument li ma jreġix u dan

peress li mill-ewwel seduta intwera li kien ser jiġi ppreġudikat meta "min kellu jiggudikah qabbad l-avukati tieghu jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet a favur ta' dak li kellu jkun l-gudikant (Kunsill Mediku)"[17].

47. Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-Kunsill Mediku li m'huwiex il-leġittimu kontradittur, ir-rikorrent jissottometti li l-Kunsill huwa l-leġittimu kontradittur peress li huwa korp mwaqqaf bis-saħħa ta' liġi u huwa *a quasi-judicial body* li waqqaf inkjesta fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrent jgħaddi sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar il-kompożizzjoni u trasparenza tal-membri tas-sottokumitat li huma membri li jiffurmaw parti mill-Kunsill. Jgħid li dawn huma persuni maħtura mill-Gvern u minn membri tal-professjoni u jaqdu dmirijietiehom sakemm jiskadi t-terminu tagħhom jew jitneħħew miill-Gvern jew minn min ħatarhom. Jgħid li dan irendi lis-sottokumitat kif ukoll lill-Kunsill monk fejn tidħol il-garanzija ta' indipendenza jew imparzjalita peress li ma jgawdu ebda *security of tenure*. In oltre r-rikorrent għamel sottomissjonjiet dwar l-allegazzjonijiet tiegħu li l-proċeduri kontrih ma humiex skont dak li tipprovdi l-liġi u ċioe l-L.S. 458.08.

***Kunsill Mediku***

48. Il-Kunsill beda billi sottometta li l-proċeduri quddiem il-Bord segwew il-prinċipju ta' *equality of arms* u assiguraw li kull parti f'dawn il-proċeduri jingħataw assigurazzjoni li l-proċeduri qegħdin jitmexxew bl-akbar indipendenza u imparzjalita. Il-proċeduri quddiem il-Bord għadhom pendenti u r-rikorrent għandu rimedju ordinarju billi għandu dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Issottometta li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni m'huwiex applikabbli f'każijiet ta' dixxiplina. Ġie sottomess li nonostante hemm seba' talbiet, dawn

[17] Fol 111 tal-proċess.

kollha jwasslu għal talba ta' dikjarazzjoni li l-proċeduri pendenti quddiem il-Kunsill jilledu d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

Dwar l-eċċezzjoni li ma ġewx qabel xejn eżawriti minn Dr Spiteri r-rimedji ordinarji issottometta li fl-ewwel lok il-proċeduri quddiem il-Bord għadhom pendenti u għalhekk ebda ksur għadu ma seħħ, fit-tieni lok Dr. Spiteri jista' jressaq il-provi u x-xhieda tiegħu, jagħmel kontro-eżamijiet u wkoll sottomissjonijiet u fit-tielet lok ai termini tal-Artikolu 36 tal-Kapitolu 464 kull deċiżjoni tal-Kunsill hija soġġetta għal appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Il-Kunsill jagħmel referenza għas-sentenza **Schembri Wismayer vs. Chairman tal-Bord tal-Ispizjara** fejn saret referenza għal numru ta' *standards* li għandhom jiġu mħarsa. Jgħid li ebda waħda minn dawn l-i*standards* ma ġiet miksura mill-Kunsill. Il-Kunsill għadda imbagħad sabiex jgħid li l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għall-proċeduri msejsa fuq l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 464 u dan stante li l-Artikolu 33 tal-istess Kapitolu jagħmel distinzjoni bejn proċeduri kriminali u proċeduri oħrajn. Filwaqt li l-proċeduri kriminali jinstemgħu mill-qrati penali, fil-proċeduri quddiem il-Kunsill jistgħu jiġu ordnati miżuri li huma kklasifikati bħala sanzjonijiet dixxiplinarji u mhux ta' natura penali.

F'dan ir-rigward il-Kunsill issottometta illi s-sentenza tal-**Qorti Ewropea tad-Drittijiett tal-Bniedem** (aktar 'il quddiem **QEDB**) fl-ismijiet **Ana Marusic v Croatia** datata 23 ta' Mejju 2017 hija ta' sostenn għas-sottomissjonijiet tiegħu.

***Avukat tal-Istat***

49. L-Avukat tal-Istat jibda billi jissottometti li r-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji qabel intavola l-kawża odjerna. Jgħid illi l-proċeduri quddiem il-Kunsill għadhom pendenti u għadhom fi stat bikri tant li għalkemm ingħatat deċiżjoni fuq eċċezzjoni preliminari ma ingħatat ebda deċiżjoni fil-mertu.

Jissottometti illi hemm appell mhux fuq punti ta' liġi biss iżda huwa miftuħ anke fuq il-mertu. Saħaq fuq il-prinċipju li għandhom l-ewwel jiġu eżawriti r-rimedji ordinarji b'applikazzjoni tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319.

Rigwardanti l-eċċezzjoni tiegħu illi Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma hux applikabbli għal dan il-każ, l-Avukat tal-Istat jgħid li huwa ċar li l-ilment tar-rikorrent ma jmissx ma' akkużi jew proċeduri kriminali kontemplati fl-Artikolu 39. Jinsisti li r-rikorrent ma ġiex akkużat b'reat kriminali. Ikompli sabiex josserva li r-rikorrent naqas milli jġib prova li s-sanzjonijiet li l-Kunsill jista' jieħu fil-konfront tiegħu huma forom ta' pieni ta' natura kriminali fl-ambitu tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Jisħaq li s-sanzjonijiet mogħtijiet mill-Kunsill huma amministrattivi u ta' dixxiplina u mhux pieni kriminali.

Jissottometti illi fi kwalunkwe każ id-dritt għal smigħ xieraq għandu dejjem jiġi eżaminat fl-kuntest tat-totalita tal-proċeduri u mhux għal mument speċifiku u dan b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza li trid illi sabiex japplika Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni iridu jitqiesu il-fatturi proċesswali kollha partikolari tal-każ u għalhekk irid jiġi mixtarr l-proċess kollu kemm hu qabel jista' jingħad jekk kienx hemm ksur tal-jedd fundamentali.

L-Avukat tal-Istat isostni li din hija azzjoni prematura u intempestiva u dan għaliex il-proċeduri li qed jinstemgħu taħt l-Kapitolu 464 għadhom ma ġewx konklużi. Waħda mill-funzjonijiet tal-Kunsill hija li jibda proċeduri ta' dixxiplina kontra professjonisti fil-kura medika li jaqa' taħt is-sorveljanza tiegħu u għadda sabiex jagħmel referenza għall-Gwida rigward l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (*criminal limb* - fergħa kriminali) (para 30-31) rigwardanti proċeduri dixxiplinarji. L-Avukat tal-Istat jissottometti li l-proċedura quddiem il-Kunsill m'huwiex ta' natura kriminal jew piena li taqa' fil-parametri ta *hard core of*

*criminal law* u allura m'hemmx ħtieġa li l-proċeduri fl-ewwel istanza ssir quddiem qorti. Issottometta li sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarġa minn awtorita mogħnija b'funzjoni ġudizjarji m'hemm ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. L-Avukat tal-Istat spjega *li "ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap. 464, il-leġislatur isemmi kif il-proċeduri meħuda mill-Kunsill huma bla preġudizzju għat-teħid ta' azzjoni kriminali dwar l-istess fatti kontra l-persuna mixlija u tali azzjoni kriminal ma tkunx ta' ostaklu għat-teħid ta' azzjoni dixxiplinari mill-Kunsill rilevanti. Fl-opinjoni tal-esponent, dan l-artikolu jkompli jiddistingwi bejn proċeduri kriminali u proċeduri dixxiplinarji* [...]"[18]

Finalment rigwardanti l-ilment tal-kompożizzjoni u trasparenza, l-Avukat tal-Istat issottometta li kien jeħtieġ lir-rikorrent iġib prova ta' dan u mhux biżżejjed li jingħad li persuni membri tal-Kunnsill huma persuni maħtura mill-Gvern u jaqdu dmirijiet sakemm jiskadi t-terminu tagħhom jew jitneħħew mill-kariga tagħhom mill-Gvern. Fuq dan il-punt l-Avukat tal-Istat irrefera għas-sentenza **Federation of Estate Agents vs. Direttur Generali (Kompetizzjoni) et** deċiża fit-3 ta' Mejju 2016 mill-Qorti Kostituzzjonali.

Ikkunsidrat;

**Leġislazzjoni**

***Il-Kunsill Mediku - Komposizzjoni u Funzjonijiet***

50. **Artikolu 9 tal-Kapitolu 464 (Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa)** jipprovdi l-**Kunsill Mediku** jkun kompost mill-membri segwenti:

[18] Fol 138 tal-proċess.

"(a) President maħtur mill-Prim Ministru, minn fost professjonisti legali;

(b) tabib liċenzjat wieħed maħtur mill-Prim Ministru;

(ċ) tabib liċenzjat wieħed maħtur mill-Università ta' Malta;

(d) kirurgu dentali liċenzjat wieħed maħtur mill-Prim Ministru;

(e) ħames tobba liċenzjati eletti minn fost u mit-tobba kollha, li mill-anqas wieħed minnhom għandu jkun speċjalista li jaħdem l-isptar u ieħor tabib tal-familja;

(f) żewġ kirurgi dentali liċenzjati eletti minn fost u mill-kirurgi dentali kollha; u

(g) żewġ persuni minn fost il-pubbliku ġenerali, li ma jkunux professjonisti fil-kura medika, maħtura mill-Prim Ministru."

51. Il-funzjonijiet tal-Kunsill huma elenkati fl-**Artikolu 10 (1)** tal-Kap. 464. Fost dawn il-funzjonijiet hemm dak li "(d) li jippreskrivi u jżomm *standards* professjonali u etiċi għall-professjonijiet mediċi u dentali". Fit-tieni sub-artikolu jingħad li "l-Kunsill Mediku jista' jwaqqaf kumitati biex ikunu enforzati *standards* ta' professjoni u ta' etika li huma applikabbli għall-professjonijiet tal-kura medika regolati minnu u b'mod ġenerali għall-aħjar twettieq tal-funzjonijiet tiegħu."

***Proċeduri dixxiplinarji***

52. **Taqsima VII tal-Kapitolu 464** tirregola fost l-oħrajn azzjonijiet dixxiplinarji kontra membri tal-professjoni medika. **Artikolu 31** jipprovdi:

"(1) Il-Kunsill rilevanti[19] jkollu s-setgħa, kemm wara ilment minn xi persuna jew minn jeddu, li jinvestiga kull allegazzjoni ta' mġieba ħażina professjonali

[19] Il-Kunsilli rilevanti kontemplati fil-Kap. 464 huma l-Kunsill Mediku, il-Kunsill tal-Ispiżjara; il-Kunsill tal-Infirmiera u Qwiebel; u l-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina.

jew ksur ta' etika minn professjonist fil-kura medika taħt is-sorveljanza tiegħu.

-omissis-

(5) Għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, "kwerelant" tinkludi kull persuna li tagħmel ilment lil Kunsill rilevanti wkoll jekk dik il-persuna ma tkunx il-parti aggravata.

53. L-**Artikolu 32** imbagħad jgħaddi sabiex jelenka liema pieni jistgħu jingħataw mill-Kunsill wara li tkun saret inkjesta u jinstab nuqqas:

"(1) Jekk wara li tkun saret inkjesta kif imiss jirriżulta lill-Kunsill rilevanti li professjonist fil-kura medika li jaqa' taħt l-awtorità tiegħu –

(a) jkun <u>insab ħati minn xi qorti f'Malta ta' xi delitt</u> li jkollu piena ta' priġunerija għal żmien li jeċċedi sena jew ta' xi delitti minn dawk imsemmija fl-artikoli 198 sa 205 jew fl-artikoli 206 sa 209 tal-Kodiċi Kriminali; jew
(b) kien <u>ħati ta' mġieba ħażina professjonali jew etika</u> f'xi rigward; jew
(ċ) b'xi mod ieħor ikun <u>naqas milli jottempera ruħu ma' *standards* professjonali u etiċi</u> li jkunu japplikaw għalih,

għaldaqstant il-Kunsill rilevanti jista' jordna xi waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin, jiġifieri:

(v) <u>ismu jiġi kanċellat mir-reġistru</u> adatt u, fejn xieraq, jirrakkomanda lill-President ta' Malta li l-liċenza ta' dak il-professjonist tiġi rtirata; jew
(ii) <u>ismu jitneħħa minn dak ir-reġistru għal dak il-perjodu</u> ta' żmien li l-Kunsill rilevanti jista' jistabbilixxi u, fejn xieraq, jirrakkomanda lill-President ta' Malta li l-liċenza ta' dak il-professjonist tkun bl-istess mod sospiża; jew

(iii) tiġi imposta penali, li ma tkunx ogħla minn dak l-ammont li jkun preskritt, fuq il-professjonist fil-kura medika involut; jew

(iv) il-professjonist fil-kura medika involut jiġi mwiddeb; jew

(v) jordna li l-professjonist fil-kura medika jgħaddi minn dak il-perjodu ta' taħriġ jew prattika fil-professjoni taħt sorveljanza għal dak il-perjodu li l-Kunsill rilevanti jista' jiddeċiedi." (sottolinear tal-Qorti).

54. **Artikolu 41** imbagħad jikjarifika illi "l-proċedimenti li jittieħdu minn Kunsilli rilevanti taħt dan l-Att huma mingħajr preġudizzju għat-teħid ta' azzjoni kriminali dwar l-istess fatti kontra l-persuna mixlija, u l-azzjoni kriminali dwar dawk il-fatti ma tkunx ta' ostakolu għat-teħid ta' azzjoni dixxiplinari mill-Kunsill rilevanti."

***Dritt ta' Appell***

55. Ai termini tal-**Artikolu 36 (1**), meta jiġi deċiż mill-Kunsill li isem ta' xi persuna għandu jkun kanċellat mir-reġistru adatt, ir-reġistratur tal-Kunsill għandu jinnotifika fi żmien erbatax-il jum mill-ġurnata meta tittieħed id-deċiżjoni mill-Kunsill rispettiv lill-persuna li isimha għandu jiġi kanċellat b'avviż tad-deċiżjoni tal-Kunsill, "u għandu, fi żmien dak il-perjodu ta' wieħed u għoxrin ġurnata, ukoll jagħti avviż ta' dan lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru." Minn din id-deċiżjoni dik il-persuna tista' fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tappella quddiem il-Qorti tal-Appell.[20]

Ikkunsidrat;

[20] **Artikolu 36 (4) tal-Kapitolu 464.**

**L-Azzjoni tar-Rikorrent.**

56. L-azzjoni intavolata mir-rikorrent hija msejsa fuq żewġ binarji prinċipali. Fl-ewwel binarju jitlob li l-Qorti tiddikjara illi l-funzjonijiet mogħtija mil-liġi lill-Kunsill sabiex jinvestiga, jakkuża, jiġġudika u jimponi penalitajiet jammonta għall-ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li jiggarantixxu smigħ xieraq minn qorti fi proċess li jista' jwassal għal piena meqjusa mir-rikorrent bħala ta' natura penali. Filwaqt li fit-tieni binarju qed jitlob lill-Qorti tiddikjara illi l-investigazzjoni minn u l-proċedura segwita minn sotto kumitat maħtur mill-Kunsill ukoll qed jiksru l-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq garantit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

57. Rimedji qed jitlob tnejn (i) li l-Qorti tiddikjara kull proċedura li ttieħdet fil-konfront tiegħu kisret il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq garantit bl-Artikolu 39 u bl-Artikolu 6; u (ii) tiddikjara kull proċedura li tkun ittieħdet fil-konfront tar-rikorrent bħala null u bla effett.

**L-eċċezzjoni tal-Kunsill Mediku li m'huwiex leġittimu kontradittur**

Il-Kunsill Mediku ressaq l-eċċezzjoni preliminari li m'huwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Fi kliem ieħor qed jgħid li t-talbiet tar-rikorrent dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu m'għandhomx ikunu diretti kontrih.

58. In tema legali dwar il-leġittimazzjoni passiva f'kawża kostituzzjonali/konvenzjonali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Abela vs. L-Onor. Prim Ministru et** deċiża fis-7 ta' Diċembru 1990:

> "F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontraditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."

Aktar reċenti s-sentenza tal-Prim' Awla (ġurisdizzjoni kostituzzjonali) fl-ismijiet **Oliver Agius v. Onor. Prim' Ministru et.** mogħtija fid-29 ta' Settembru, 2016:

> "Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min ghandu jwiegeb ghal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-ghamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-ghamla ta' rimedju li jista' jinghata. Ilu zmien li l-Qrati taghna gharfu din ir-realta' u ghalhekk sawru d-distinzjonijiet mehtiega applikabbli ghall-bicca l-kbira mill-kazijiet. Ghalhekk, illum il-gurnata jingharfu kategoriji differenti ta' persuni li jistghu jitqiesu bhala legittimi kuntradittturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jigifieri (a) dawk li jridu jwiegbu direttament jew indirettament ghall-ghamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jaghmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) ghan-nuqqasijiet jew l-eghmejjel li bihom haddiehor jikser xi jedd fundamentali ta' xi hadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawza meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-

smigh ta’ xi kawza f’qorti. Ma’ dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawza, jistghu jiddahhlu persuni ohrajn bil-ghan li jaghmlu shih il-gudizzju u jaghmluh rapprezentattiv ta’ kull interess involut fil-kwestjoni.

59. Għalkemm huwa miżmum mill-ġurisprudenza nostrana illi f`kawżi ta’ indoli kostituzzjonali u/jew konvenzjonali huwa l-Istat illi għandu jwieġeb għall-vjolazzjoni ta’ drittijiet fundamentali; permezz tal-kawża odjerna r-rikorrent mhux biss qed jitlob li l-poteri mogħtija lill-Kunsill mill-Kap. 464 fejn jidħlu azzjonijiet ta’ dixxiplina jiksru l-jeddijiet fundamentali tiegħu fuq imsemmija; imma qed jattakka wkoll il-proċedura adoperata mill-Kunsill u minn sotto kumitat minnu maħtur fil-proċeduri kontra tiegħu. Inoltre r-rikorent qed jitlob illi l-Qorti tannulla kull proċedura li ttieħdet kontrih mill-Kunsill jew mis-sotto kumitat tiegħu.

60. Il-Qorti tqis illi l-parteċipazzjoni tal-Kunsill f’dawn il-proċeduri bħala konvenut hija meħtieġa għall-integrita’ tal-ġudizzju.

61. Għaldaqstant **tqis li l-istess Kunsill huwa leġittimu kontradittur f’din il-kawża u konsegwentement tiċħad it-tieni eċċezzjoni minnu sollevata.**

***Nuqqas ta’ Eżawriment tar-Rimedji Ordinarji -***

62. Waħda mill-eċċezzjonijiet preliminari li tqajmet miż-żewġ intimati hija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 il-Qorti m’għandhiex tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali peress li skond l-intimati il-proċeduri odjerni ta’ indoli kostituzzjonali u konvenzjonali ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji disponibbli lir-rikorrent; aktar u aktar meta l-proċeduri quddiem il-Kunsill għadhom ma ġewx konklużi.

63. **Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jaqra kif isegwi:

> "(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:
>
> Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."

**Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319**:

> "(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:
>
> Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan issubartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra."

64. Id-diskrezzjoni li għandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja sabiex min-naħa waħda, il-qrati ta' indoli

kostituzzjonali ma jkunux rinfaċċjati b'kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jfittxu rimedji effettivi, u min-naħa l-oħra sabiex persuna ma tkunx imcaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni. In-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali tiddeċiedi li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent f'dak li qed jitlob.

65. Il-prinċipji applikabbli meta l-Qorti tiġi biex tiddeciedi jekk ir-rikorrent għandux jew kellhux għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju ordinarju alternattiv u effettiv ġew delineati mill-Qrati Maltin f'diversi sentenzi. Dan l-insenjament ġie miġbur b'mod komprensiv fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet **Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs** (Rik Nru 22/2005) fejn huma elenkati l-konsiderazzjonijiet li għandha tagħmel il-Qorti meta tiddelibera dwar jekk kienux disponibbli għar-rikorrent rimedji ordinarji u jekk għandiex tiddeklina milli tisma' l-kawża. Dwar ir-rimedju ordinarju f'dan il-kuntest il-Qorti Kostituzzjonali stabbiliti s-segwenti prinċipji:

(a) l-ezistenza ta' rimedju ieħor li ghandha tirriżulta bħala stat ta' fatt attwali u objettiv;
(b) li dan ir-rimedju jkun aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;
(c) li biex rimedju jitqies effettiv m'hemmx ghalfejn li jintwera li dan se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, imma jkun biżżejjed li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.

66. L-intimati fil-kawża odjerna jinsistu illi huwa l-Kapitolu 464 stess, senjatament bl-Artikolu 36 (4) tiegħu, li jagħti r-rimedju ordinarju mistħoqq lir-rikorrent

għall-ilmenti tiegħu u dan peress li dan l-artikolu jagħti dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appell minn deċiżjoni tal-Kunsill.

Ikkunsidrat;

67. Għall-finijiet tar-riżoluzzjoni tal-eċċezzjoni tal-intimati illi r-rikorrent naqas milli qabel xejn jirrikorri għar-rimedji ordinarji qabel intavola l-kawża kostituzzjonali tiegħu; u li allura l-Qorti għandha tiddeklina milli tisma l-kawża, l-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

68. Għall-intimati ir-rimedju ordinarju disponibbli lir-rikorrent huwa d-dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appell wara li l-Kunsill fl-għoti tad-deċiżżjoni tiegħu jimponi piena fuq ir-rikorrent. Jgħid hekk l-Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu: ".... jkun xieraq jekk l-ewwel jiġu fi tmiemhom il-proċeduri ordinarji ta' appell. Jekk imbagħad wara l-konklużjoni tal-appell, l-appellant ma joħroġx sodisfatt bl-eżitu ta' dawk il-proċeduri għaliex iqis li t-tħaddim tal-liġi fil-konfront tiegħu sar bi ksur ta' wieħed mill-jeddijiet fundamentali tiegħu, huwa f'dak l-istadju li l-esponent jara li għandhom, dejjem jekk ikun il-każ, jinfetħu dawn il-proċeduri.... " Dwar l-ilmenti tar-rikorrent li l-proċeduri adoperati mill-Kunsill ma humiex konformi mal-Kap. 464 l-Avukat tal-Istat jissottometti illi tali ilmenti jistgħu jiġu indirizzati b'rikors quddiem il-Kunsill u sussegwentement jekk ikun il-każ b'appell quddiem il-Qorti tal-Appell; iżda mhux b'kawża kostituzzjonali. Jgħid l-Avukat tal-Istat illi hija proprju s-sentenza Reno Schembri Wismayer v. Chairman tal-Bord dwar l-Ispiżjara mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju, 2003, li r-rikorrent għamilha l-*cavallo di battaglia* tiegħu, li twaqqa' l-argument tal-istess rikorrent fir-rigward peress li f'dik il-kawża kienet il-Qorti tal-Appell minn appell wara d-deċiżżjoni tal-Kunsill li tat rimedju dwar proċedura adoperata mill-Kunsill li ma kentix konformi mal-Kap. 464.

69. Fil-fehma tal-Qorti, sakemm l-eċċezzjoni in diżamina hija diretta kontra t-talbiet tar-rikorrent sabiex jiġi dikjarat illi l-funzjonijiet statutorji tal-Kunsill dwar dixxiplina tal-professjonisti mediċi jilledulu l-jedd fundamentali tiegħu protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-Avukat tal-Istat m'għandux raġun. Fil-fehma tal-Qorti safejn ir-rikorrent qed jallega leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu bl-operazzjoni tal-Artikolu 31 tal-Kap. 464, l-eċċezzjoni preliminari tal-intempestivita' ma hiex fondata. Fi kliem il-Qorti Kostituzjonali fis-sentenza *Thake v. Kummissjoni Elettorali:* "... meta diga jkun hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista issib li hemm lezjoni, m'ghandiex toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz kollu jew tistenna li attwalment jikser il-jedd biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le. Dan ghaliex jista' jagħti l-kaz li jkun tard wisq jew li l-persuna tibqa' minghajr rimedju." Hija l-funzjoni tal-qrati b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali illi jiddeċiedu talbiet dwar jekk provvedimenti tal-liġi jiksrux il-jedd fundamentali tar-rikorrent u mhux il-Qorti tal-Appell wara appell minn deċiżżjoni tal-Kunsill Mediku.

70. Barra minn dan, kif ser naraw 'il quddiem, mhux minnu li hemm dritt ta' appell minn kull deċiżżjoni tal-Kunsill.

71. Għalhekk safejn ir-rikorrent qed jitlob li jiġi dikjarat li t-tħaddim fil-konfront tiegħu tal-Kap. 464, senjatament Artikolu 31 tal-istess, qed jikser il-jeddijiet fundamentali tiegħu, il-Qorti ma tarax li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju disponibbli qabel intavola l-kawża odjerna.

72. Filwaqt li l-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati fejn intalbet tiddeklina li teżerċita s-setgħat tagħha fir-rigward tal-impunjazzjoni ta' Artikolu 31 tal-Kap. 464, ma jfissirx illi *a priori* qed tikkonsidra li hemm xi fondatezza fl-ilmenti kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrent.

**73. Fil-fehma tal-Qorti m'għandhomx raġun l-intimati jsostnu illi peress li mid-deċiżjoni eventwali tal-Kunsill hemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell allura għall-ilmenti kollha mertu tal-kawża odjerna hemm rimedju ordinarju. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat kif ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-Kunsill Mediku**.

***L-Eċċezzjoni li l-Proċeduri quddiem il-Kunsill Mediku għadhom ma ġewx fi tmiemhom.***

74. Ir-**raba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat** hija fis-sens li din il-kawża kostituzzjonali saret kmieni għaliex il-proċeduri quddiem is-sottokumitat tal-Kunsill Mediku għadhom fil-fażi inizjali tagħhom u għadha ma ingħatatx deċiżżjoni finali. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq l-argument illi allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigħ xieraq teħtieġ li l-proċess, li minnu jkun qed isir l-ilment, jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu u mhux li jsir ilment dwar inċident wieħed partikolari matul dak il-proċess.

75. Kif rajna l-ilmenti primarji tar-rikorrent huma tnejn, li min ser jiġġudikah skond il-Kap. 464 qiegħed ukoll skond l-istess Att jakkużah u jikkonduċi l-investigazzjoni; u li l-pieni li jista' jimponi l-Kunsill bis-saħħa tal-Kap. 464 huma ekwivalenti għall-pieni ta' natura penali applikabbli għal reat kriminali u konsegwentement skond ir-rikorrent jekk il-proċeduri fil-konfront tiegħu ma jitmexxewx minn qorti ser jiġi leż il-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq.

76. Ġialdarba r-rikorrent qed jallega li huwa t-tħaddim tal-funzjonijiet statutorji mogħtija bis-saħħa tal-Artikolu 31 tal-Kap. 464 lill-Kunsill li qed jiksrulu l-jeddijiet fundamentali tiegħu, il-Qorti ma tirriskontra l-ebda intempestiva fl-

azzjoni istitwita mir-rikorrent. Mhux il-każ li l-Qorti tistenna li l-proċess kollu quddiem il-Kunsill jiġi fi tmiemu qabel tinvesti l-mertu tal-kawża.

77. M'huwiex ikkontestat li l-proċeduri quddiem is-sottokumitat appuntat mill-Kunsill Mediku sabiex jinvestiga l-akkużi li l-istess Kunsill ressaq kontra r-rikorrent għadhom ma ġewx fi tmiemhom. Iżda f'dan il-każ ir-rikorrent ma hux qed jilmenta biss minn xi episodju jew episodji partikolari li jilledu l-jeddijiet fundamentali tiegħu, imma qiegħed ukoll jattakka l-kostituzzjonalita' tal-Kap. 464 safejn jagħtu lill-Kunsill il-poter li jinvestiga u jakkuża membri tal-professjoni medika u fl-istess ħin fejn isib ksur tal-etika jew imġieba professjonali ħażina jikkundanna lit-trasgressur għall-pieni kontemplati fl-istess Att inkluż li jirrevoka jew jissospendi l-liċenzja. Ikkonsidrat li l-pretensjoni primarja tar-rikorrent li bit-tħaddim tal-Kap. 464 fil-konfront tiegħu qed jiġu leżi l-jeddijiet fundamentali tiegħu, irrispettivament mill-eżitu finali, hija l-fehma ta' din il-Qorti li m'għandix tistenna li l-ewwel jiġi fi tmiemu l-proċess kollu quddiem il-Kunsill qabel tisma' l-kawża.

78. Mod ieħor, una volta r-rikorrent qed jattakka l-Kostituzzjonalita' tal-Artikolu 31 tal-Kap. 464 li bis-saħħa tiegħu il-Kunsill qed jipproċedi kontrih, huwa fil-fehma tal-Qorti stadju opportun li tali lment jiġi investit; u mhux wara li l-investigazzjoni tal-Kunsill tiġi fi tmiemha u tingħata d-deċiżżjoni.

**79. Għaldaqstant qed tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.**

Ikkunsidrat;

**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.**

80. Deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari, ser ngħaddu sabiex nikkonsidraw it-talbiet tar-rikorrent fil-mertu. Fit-talbiet tiegħu r-rikorrent jinvoka sew Artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif ukoll Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Permezz tal-ewwel talba tiegħu ir-rikorrent jitlob dikjarazzjoni li d-dritt fundamentali tiegħu għal smigh xieraq minn awtorita' ġudikanti qed jiġi leż peress li ser jiġi ġudikat mill-istess awtorita' ġudikanti li qed takkużah. Permezz tat-tieni talba tiegħu qed jitlob dikjarazzjoni li l-pieni li l-Kunsill jista' jimponi fuqu huma pieni ta' natura penali u li allura għandha tkun il-qorti li tiġġudikah u mhux il-Kunsill li qed jakkużah.

81. **Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** intitolat *Disposizzjonijiet biex tiġi żgurata protezzjoni tal-liġi* magħruf aħjar bħala d-dritt fundamentali għal smigħ xieraq jipprovdi illi:

> 39.(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.
>
> (2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; …….

82. **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** enforzabbli fil-ġurisdizzjoni Maltija bis-saħħa tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

b) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja

83. Artikolu 6 sub inċiż wieħed hawn ċitat jiddelinea il-prinċipji ġenerali applikabbli għal żewġ kategoriji ta' proċeduri fejn tiġi amministrata l-ġustizzja; dawk li huma ta' natura ċivili jew amministrattiva (drittijiet u obbligi ċivili magħrufa bħala "the civil limb" – il-feragħ ċivili) u dawk ta' natura penali ("the criminal limb" - il-fergħa kriminali). Dan l-artikolu jistabbilixxi illi f'kull kategorija hemm il-jedd fundamentali għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Jiggarantixxi dan l-artikolu illi sew taħt il-fergħa kriminali sew taħt il-fergħa ċivili kull persuna għandha l-jedd għall proċess ġust.

84. Kif jingħad mill-awturi **Jacobs, White u Ovey** fil-pubblikazzjoni tagħhom "**The European Convention on Human Rights**"[21] "Article 6 is an omnibus provision, which has been described as "a pithy epitome of what constitutes a fair administration of justice". The rights protected by the Article occupy a central place in the Convention system. A fair trial, in civil and criminal cases alike, is a basic element of the notion of the rule of law and part of the common heritage, according to the Preamble, of the Contracting Parties."

---

[21] 6th Edit. – 2014 paġ. 276

85. Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jagħmel id-distinzjoni aktar netta bejn il-fergħa ċivili u l-fergħa kriminali. Dan għaliex filwaqt li fir-rigward ta' akkużi kriminali l-akkużat għandu l-jedd li jiġi ġudikat biss minn "qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi" u minn l-ebda awtorita' ġudikanti oħra; fir-rigward ta' proċeduri li jwasslu għal deċiżżjoni dwar "l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili" tali proċess li jwassl għal tali deċiżżjoni jista' jiġi kondott minn "qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi".

86. Jekk jirriżulta kif qed jallega r-rikorrent illi l-pieni li l-Kunsill Mediku jista' jimponi fuqu huma pieni ta' natura kriminali allura l-akkużi kontrih għandhom jinstemgħu minn qorti u mhux minn awtorita' ġudikanti oħra allavolja mwaqqfa b'liġi bħalma hu l-Kunsill, bil-konsegwenza li l-proċeduri quddiem il-Kunsill jiġu dikjarati leżivi tal-jeddijiet fundamentali invokati mir-rikorrent.

87. Għalkemm ir-rikorrent sejjes l-ilment tiegħu dwar il-piena ta' natura penali fit-tieni talba tiegħu, il-Qorti sejra tikkonsidra l-ewwel din it-talba għaliex jekk akkolta ma jkunx meħtieġ li l-Qorti tikkonsidra wkoll l-ewwel talba.

**It-Tieni Talba tar-Rikorrent - Piena ta' natura penali**

88. Permezz tat-tieni eċċezzjoni l-Avukat tal-Istat jilqa' għat-tieni talba tar-rikorrent billi jgħid illi hawn "mhux qed nitkellmu dwar akkużi jew proċeduri kriminali."

89. Il-Kunsill issottometta illi Artikolu 39 u Artikolu 6 ma humiex applikabbli għall-proċeduri ai termini tal-Artikolu 31 tal-Kap. 464 għaliex skond Artikolu 33 tal-Kap. 464 kull inkjesta li ssir mill-Kunsill tkun mingħajr preġudizzju għal xi proċedimenti kriminali li jistgħu jittieħdu kontra l-istess persuna u li għalhekk

huma żewġ proċeduri distinti kif ukoll peress li s-sanzjonijiet li jista' jimponi l-Kunsill huma ta' natura dixxiplinari u mhux ta' natura penali.

90. In sostenn jagħmel referenza għas-sentenza tal-QEDB tat-23 ta' Mejju, 2017 fl-ismijiet Ana Marusic v. Croatia (79821/12). L-Avukat tal-Istat issottometta illi l-proċeduri li qed jittieħdu kontra r-rikorrent mill-Kunsill Mediku għandhom jiġu klassifikati bħala proċeduri ta' dixxiplina u mhux proċeduri ta' natura penali u dan peress li quddiem il-Kunsill ir-rikorrent ma hux qed jiġi akkużat b'xi reat kriminali. Ma jaqbilx mar-rikorrent illi s-sanzjonijiet applikabbli skond il-Kap. 464 huma forma ta' piena ta' natura kriminali fl-ambitu tal-artikolu 6 u tal-artikolu 39. Jissottolinea illi s-sanzjonijiet li jista' jimponi l-Kunsill għandhoom jiġu klassifikati bħala sanzjonijiet amministrativi u ta' dixxiplina u xejn aktar.

Ikkunsidrat;

91. Il-proċeduri kondotti mill-Kunsill huma proċeduri ai termini tal-Kap. 464 sabiex jiġi determinat jekk ir-rikorrent ikkommettiex għaġir professjonali ħażin jew kisirx ir-regoli ta' l-etika li l-membri tal-professjoni medika huma marbuta li jsegwu u li f'każ ta' sejba ta' nuqqas, li tiġi imposta sanzjoni kontemplata mill-istess liġi. Dan meqjus, jeħtieġ li l-Qorti tgħaddi sabiex tqis jekk hux fondat dak li qed jitlob ir-rikorrent permezz tat-tieni talba tiegħu illi s-sanzjonijiet li jista' jimponi l-Kunsill huma ta' natura penali u li allura l-każ għandu jinstema minn qorti fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

92. Ġudizzju ewlieni f'dan ir-rigward hija s-sentenza **Engel u oħrajn v. L-Olanda** (Appl. Nru 5100/71) mogħtija mill-QDEB fit-8 ta' Ġunju, 1976, fejn ġie stabbilit li meta l-Qorti tkun ser tiddeċiedi jekk offiża hiex ta' natura kriminali ai termini tal-fergħa penali tal-Artikolu 6 għandhom jiġu applikati s-segwenti tliet kriterji:

a. Il-klassifikazzjoni tar-reat fl-istat nazzjonali;

b. In-natura tar-reat; u

c. Il-piena li tista' tingħata.

93. Il-Qorti Ewropea fil-kawża **Orlen Lietuva Ltd v. Il-Litwanja** (Appl. Nru 45849/13) deċiża fid-29 ta' Jannar 2019 spjegat li,

> "*The first criterion is the legal classification of the offence under national law, the second is the very nature of the offence, and the third is the nature and degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. The second and third criteria are alternative, and not necessarily cumulative. This, however, does not exclude a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a criminal charge (see, in particular, Jussila v. Finland [GC], no. 73053/01, §§ 30-31, ECHR 2006-XIV; Ezeh and Connors v. The United Kingdom [GC], nos. 39665/98 and 40086/98, § 82, ECHR 2003-X; and Blokhin v. Russia [GC], no. 47152/06, § 179, ECHR 2016).*"

**a. Il-klassifikazzjoni tal-offiża fl-istat nazzjonali**

94. B'mod ġenerali jingħad illi jekk l-aġir li dwaru persuna tkun qed tiġi investigata fi proċeduri ta' dixxiplina jikkostitwixxi sew ksur tal-etika professjonali kif ukoll reat; ma jirrendux il-proċess dixxiplinarju wieħed penali.

95. Terġa u tgħid fil-każ odjern jirriżulta mill-atti illi wara li Christian Peregrin għamel rapport lill-Pulizija dwar il-mertu tar-rapport li huwa ressaq quddiem il-Kunsill u li kien ippubblikat fuq is-sit Lovin Malta, il-Kummissarju tal-Pulizija kiteb lill-Kunsill fejn informah b'dak ir-rapport li irċevew u li "We have discussed matter with the AG's office and no breaches of the criminal code could be identified and hence i am referring the case to you for any administrative/disciplinary measures deemed fit."

**b. In-natura tal-offiża u l-piena li tista' tingħata**

96. L-awtur **William A. Schabas** fil-ktieb ***The European Convention on Human Rights: A Commentary*** (l-Ewwel edizzjoni (2017)) jispjega t-tieni u t-tielet kriterji bil-mod segwenti:

> "*several factors are considered in evaluating whether to describe the nature of the offence – the second of the Engel criteria – as criminal: the legal rule should be of a generally binding character and not directed against a specific group; the proceedings should be instituted by a public body with statutory powers of enforcement; the prohibition should be commensurate with a deterrent and punitive purpose; imposition of penalty should be dependent upon a finding of guilt; and the classification of similar matters in the law of other Council of Europe Member States. The consequence of a criminal record upon conviction is significant but it is not decisive because this is dependent upon the classification of the offence in domestic law. The relative lack of seriousness of a sanction 'cannot deprive an offence of its inherently criminal character' [Lauko v. Slovakia, 2 September 1998, §58].*
>
> *The third Engel criterion is the maximum penalty to which the individual is exposed. The actual penalty imposed is also of relevance, but it does not diminish the importance of what was initially at stake. [...] The fact that a disciplinary violation may also be a criminal offence, however, does not suffice to make the disciplinary proceedings criminal in nature [Moullet v. France no 27521/04, 13 September 2007; Y v. Norway no 56568/00; Ringvold v. Norway no 34964/97; Dubos v. France, no 31104/96 Commission decision of 14 January 1998.] Nor is there any problem in principle with conduct being the subject of both criminal and disciplinary proceedings. [Campbell and Fell v. The United Kingdom, 28 June 1984, para 71, Series A no. 80.] The Court must only 'satisfy itself that the disciplinary does not improperly encroach upon the criminal'. [Ezeh and Connors v. The United Kingdom [GC] nos 39665/98 and 40086/98.]*"[22]

[22] Paġni 278 – 279.

97. L-għan tal-Kapitolu 464 huwa li jiġi evitat abbuż min-naħa tal-professjonisti fil-kura medika filwaqt li jiġi protett l-interess pubbliku. **Artikolu 5 tal-Kapitolu 464** jipprovdi li "l-professjonisti fil-kura medika għandhom, fil-prattika tal-professjoni tagħhom, ikunu soġġetti għal sorveljanza speċjali mill-Kunsill rilevanti."

98. Meta l-Kunsill Mediku isib li l-professjonist fil-kura medika ħati ta' mġieba ħażina professjonali jew ksur ta' etika f'xi rigward, jew b'xi mod ieħor ikun naqas milli jottempera ruħu ma' *standards* professjonali u etiċi li jkunu japplikaw għalih, il-Kunsill Mediku jista' jordna waħda jew aktar mis-segwenti miżuri: (a) ismu jiġi kanċellat mir-reġistru adatt u l-liċenzja fejn xieraq tiġi rtirata, (b) ismu jitneħħa mir-reġistru għal perjodu ta' żmien u fejn xieraq il-liċenzja tiġi sospiża, (ċ) timponi penali sa massimu ta' €20,000, (d) iwiddeb il-professjonist jew (e) jordna li l-professjonist imur għal taħriġ.

99. Dan kollu meqjus pero l-Qorti ma tqisx li dawn is-sanzjonijiet l-Kunsill jista' jordna wara li jsib mġieba professjonali ħażina jew bi ksur tar-regoli tal-etika professjonali bħala li jammontaw għal piena ta' natura penali. Is-sanzjonijiet li l-Kunsill għandu l-poter jordna huma intiżi sabiex jiġi assigurat *standards* għoljin fost il-professjonisti li huwa jirregola u dan billi jieħu proċeduri dixxiplinarji kontra dawk li allegatament ma jżommux mal-istess *standards* jew jiksru r-regoli tal-etika applikabbli. Dawn ma humiex sanzjonijiet applikabbli għall-membri tal-pubbliku in ġenerali imma diretti biss u unikament fil-konfront ta' professjonisti mediċi li minnhom huwa mistenni livell għoli ta' mġieba professjonali.

100. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal ***Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights Right to a fair trial (criminal limb)*** kif aġġornat fil-31 August 2022 fejn huwa spjegat li:

"30. In Müller-Hartburg v. Austria, 2013 (§§ 42-49), which concerned disciplinary proceedings against a lawyer, the Court did not find the criminal limb of Article 6 to be applicable. It took into account the fact that the applicable disciplinary provision did not address the general public but the members of a professional group possessing a special status and that it was intended to ensure that members of the bar comply with the specific rules governing their professional conduct. It thus did not have the elements of a criminal but rather disciplinary nature. Moreover, the deprivation of liberty was never at stake for the applicant and the fine which he risked incurring, although reaching the amount which could be regarded as punitive, was not in itself sufficient to qualify the measure as criminal. The same was true for the sanction of striking the applicant off the register of lawyers, which did not necessarily have a permanent effect and did not render the charges "criminal" in nature."[23]

101. L-istess linja ta' ħsieb jesprimi l-awtorita' ***William A. Schabas*** **:**

"The fact that a disciplinary violation may also be a criminal offence, however, does not suffice to make the disciplinary proceedings criminal in nature [Moullet v. France no 27521/04, 13 September 2007; Y v. Norway no 56568/00; Ringvold v. Norway no 34964/97; Dubos v. France, no 31104/96 Commission decision of 14 January 1998.] Nor is there any problem in principle with conduct being the subject of both criminal and disciplinary proceedings. [Campbell and Fell v. The United Kingdom, 28 June 1984, para 71, Series A no. 80.] The Court must only 'satisfy itself that the disciplinary does not improperly encroach upon the criminal'. [Ezeh and Connors v. The United Kingdom [GC] nos 39665/98 and 40086/98.][24]

102. Il-pretensjoni u l-ilment tar-rikorrent li s-sanzjonijiet li jista' jimponi l-Kunsill Mediku bis-saħħa tal-Kap. 464 huma ekwivalenti għal pieni konsoni ma' sejbin ta' ħtija ta' reat kriminali ma jirriżultawx fondati. L-aktar sanzjonijiet onerużi li l-Kunsill jista' jordna huma l-kanċellament ta' isem il-membru mir-reġistru bil-possibilita' li ismu jerġa jitqiegħed wara sena u l-multa ta' €20,000 li fil-fehma tal-Qorti ma jirrendux il-proċeduri dixxiplinari kondotti mill-Kunsill ai

[23] Ara wkoll **Marusic v. Croatia** (Appl Nru 79821/12) mogħtija mill-QEDB fit-23 ta' Mejju 2017 (para 71 et seq).
[24] Op.cit. Paġni 278 – 279.

termini tal-Kap. 464 ekwivalenti għall-proċeduri ta' natura penali. Jekk sanzjonijiet ma jkollhomx l-effett ta' deterrent fil-qies skond lejn min huma diretti allura s-sistema ta' żamma ta' *standards* għoljin tiġi serjament imdgħajfa. Il-Qorti tqis illi r-revoka tal-liċenzja bil-fakolta li wieħed japplika għal rientigrazzjoni fi żmien sena hija moderata u fil-qies. L-istess konsiderazzjoni fir-rigward tal-massimu tal-penali tenut kont il-professjonisti mediċi li lejhom hi indirizzata. **Il-Qorti għalhekk tqis fondata t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-istat u filwaqt li qed tilqagħha, tiċħad it-tieni talba tar-rikorrent fejn talab dikjarazzjoni li s-sanzjonijiet kontemplati mill-Kap. 464 huma ta' natura penali.**

Ikkunsidra;

**L-Ewwel u t-Tielet Talba tar-Rikorrent -**

**Awtorita' kważi-ġudizzjarja li tinvestiga, takkuża u tikkundanna**.

103. Permezz tal-ewwel u tat-tielet talba tiegħu r-rikorrent qed jitlob li l-Qorti tiddikjara illi l-provvedimenti tal-Kap. 464 li jagħtu lill-Kunsill il-poter li "jinvestiga, jakkuża, igib xhieda, jaghmilha ta' prosekutur, jiggudika u jimponi penalitajiet fuq ir-rikorrent" u li "l-proċess innifsu kif immexxi mill-Kunsill Mediku bhala entita' li tiddeciedi u tissanzjona minghajr garanziji ta' indipendenza u imparzjalita' kif mehtieg fid-dritt ghal smiegh xieraq" jiksru l-jeddijiet tiegħu protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

104. Fil-premessi elenkati fir-rikors promotur tiegħu r-rikorrent wera l-fehma illi fejn l-Att dwar il-Professjoni tas-Saħħa jagħti l-fakolta lill-Kunsill Mediku sabiex jinvestiga, jakkuża, iġib xhieda, iwieġeb għas-sottomissjonijiet tal-akkużat u finalment jiġġudika permezz ta' penalitajiet kif stabbilit taħt l-artikolu 32 (1) tal-

Kap. 464 huwa każ ta’ “judex in causa sua”. Jgħid illi fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu stabbiliti mil-liġi l-Kunsill jagħmilha ta’ investigatur, prosekutur u ġudikant fl-istess ħin b’tali mod illi “jippregudika d-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq quddiem tribunal/forum indipendenti u imparzjali”.

105. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent jisħaq illi bis-saħħa tal-Kap. 464 il-Kunsill jagħmilha ta’ prosekutur fil-konfront tiegħu tant li l-President tal-Kunsill li qed tippresjedi l-investigazzjoni kienet l-istess persuna li ffirmat l-akkużi kontra tiegħu. Jgħid illi f’kull proċedura trasparenti, ekwa u li ssegwi d-dettami tal-liġi persuna ma għandix tiġi akkużata u ġudikata mill-istess persuna jew grupp ta’ persuni. Jgħid li l-fatti juru li kien hemm konfużjoni u taħlita sħiħa ta’ l-istess persuni jilbsu kpiepel differenti skond il-bżonn. Jirreferi in sostenn għas-sottomissjonijiet tiegħu għas-sentenza Reno Schembri Wismayer v. Chairman tal-Bord ta’ l-Ispiżjara (App. Sup. – 08/05/2003) u għas-sentenza Rosette Thake et v. Kummissjoni Elettorali et. (Q.K. - 08/10/2018).

106. Jispjega illi l-fatti segwenti juru kif il-Kunsill qed jagħmilha ta’ prosekutur dwar l-akkużi ta’ mġieba ħażina professjonali u fl-istess ħin ser jiġġudikah fuq l-istess akkużi: il-fatt li kien il-Kunsill li beda l-inkjesta kontrih billi ħareġ l-akkużi; bil-fatt li l-Kunsill sejjah xhieda biex jixhdu kontra r-rikorrent; bil-fatt illi l-Kunsill iddeċieda li ssir nota ta’ sottomissjonijiet fuq l-argumenti mressqa mir-rikorrent; il-konsulent legali tal-Kunsill ippreżenta sottomissjonijiet b’risposta għas-sottomissjonijet tar-rkikorrent; bil-fatt li l-Kunsill ta digriet wara li saru sottomissjonijiet mir-rikorrent u mill-konsulent legali tal-istess Kunsill. Jgħid illi s-sitwazzjoni tiegħu hija għar mis-sitwazzjoni li kienet il-mertu tas-sentenza Rosette Thake v. Kummissjoni Elettorali peress li “minbarra li l-Kunsill Mediku investiga u ghandu l-poter li jiggudika lill-istess esponenti fejn jista sahansitra

jitlef il-warrant tieghu, sahansitra xlietu hi meta harget l-akkuzi fil-konfront tieghu".

107. Dwar l-ewwel talba tiegħu ir-rikorrent jistrieh fuq dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Schembri Wismayer v. Chairman tal-Bord tal-Ispiżjara** fejn ġie ritenut illi "Huwa veru li l-proceduri quddiem il-Bord ma humiex strettament 'proceduri ġudizzjarji', pero' l-legislatur, permezz tar-regola 13 kjarament ried li jinzammu l-istess regoli u l-istess standards jew livelli tal-proceduri gudizzjarji." Jiċċita l-awturi *Dovydas Vitkausas u Grigory Dikov* fix-xoghol tagħhom "Protecting the right to a fair trial under the European Convention of Human Rights"[25] fejn jingħad illi "The notion of civil rights and obligations is autonomous from the domestic law definition. Article 6 applies irrespective of the status of the parties, and of the character of the legislation governing the determination of the dispute; what matters is the character of the right at issue, and whetgher the outcome of the proceedings will have a direct impact on the private-law rights and obligations (Baraona v. Portugal)..... At the same time there are no elaborate criteria for a universal defintion of a civil dispute, in contrast to the criteria for defining a criminal offence

108. L-Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jgħid illi "Se mai huwa l-artikolu 39 (2) li għandu japplika u żgur mhux l-artikolu 39 (1), f'liema każ, l-artikolu 39 (2) jitkellem dwar 'qorti' jew 'awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi' liema Kunsill Mediku allura jaqa' taħt dik id-definizzjoni ta' awtorita' mwaqqfa b'liġi. Japplikaw imbagħad għalhekk id-disposizzjonijiet relevanti iżda mhux rigwardanti persuni akkużati b'reati kriminali."[26] Ikompli jissottometti testwalment: "31. Magħdud ma' dan, sakemm id-deċiżżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorita' mogħnija b'funzjonijiet

[25] Council of Europe – Human Rights Handbook – 2012)
[26] Fol. 134 tal-proċess

ġudizzjarji, allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Fil-fatt, skond l-Artikolu 36 tal-Kap. 464 tal-Liġijiet ta' Malta, id-deċiżjoni tal-Kunsill intimat tista' tiġi attakkata quddiem il-Qorti tal-Appell, kemm fuq punt ta' liġi u fuq il-mertu.."[27]

Ikkunsidrat;

109. Ma jirriżultax illi dan l-ilment partikolari tar-rikorrent dwar l-allegat anti-kostituzzjonalita' tal-poteri mogħtija lill-Kunsill Mediku fejn jikkonċernaw proċeduri ta' dixxiplina kontra membri tal-professjoni medika ġie investit mill-qrati nostrani. Kif ser naraw, il-Qorti Ewropea ippronunzjat ruħha diversi drabi dwar jekk organi statutorji mogħtija s-setgħa li jikkonduċu proċeduri ta' dixxiplina kontra membri ta' korp professjonali jiddeterminawx drittijiet u obbligi ċivili kontemplati fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**110. Sabiex din il-Qorti tasal għad-deċiżżjoni tagħha dwar jekk Artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikax għall-Artikolu 31 tal-Kap. 464 jeħtieġ qabel xejn jiġi stabbilit jekk is-setgħat mogħtija lill-Kunsill Mediku jistgħux jitqiesu bħala proċeduri li jiddeterminaw drittijiet u obbligi ċivili tal-persuni milquta minn tali investigazzjonijiet u deċiżżjonijiet tal-Kunsill.**

111. Dwar proċeduri ta' dixxiplina minn korp statutorju li jirregola settur ta' professjonisti, l-Qorti Ewropea tagħmel distinzjoni bejn il-proċess ta' dixxiplina safejn jiddetermina kienx hemm imġieba professjonali ħażina u/jew ksur tal-etika professjonali; u l-proċess fejn jiġi kkontestat sanzjoni tar-revoka tal-liċenzja tal-professjonist.

[27] Fol. 138 tal-proċess

112. Fis-sentenza **Albert and Le Compte v. Belgium** (Appl Nru 7299/75 u 7496/79) mogħtija fl-10 ta' Frar 1983 il-Qorti ta' Strasburgu ikkonsidrat b'mod approfondit dan l-aspett tal-vertenza odjerna fejn ittrattat proprju ilment imressaq minn tobba li wara proċess ta' dixxiplina minn kunsill provinċjali ingħataw is-sanzjoni li l-liċenzja tagħhom ġiet irtirata. Similment bħar-rikorrent odjern, Ilmentaw mill-fatt illi kien il-Kunsill Mediku Franċiż li akkużhom u l-istess Kunsill li ġġudikhom. Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċċita b'mod estensiv minn din is-sentenza għaliex l-isfond fattwali tagħha huwa ta' rilevanza daqskemm huma rilevanti il-konsiderazzjonijiet legali. Tajjeb jiġi nnotat illi ġewwa Franza il-proċeduri ta' dixxiplina kellhom tlett stadji, l-ewwel quddiem il-kunsill mediku provinċjali; imbagħad quddiem bord tal-appell ta' dixxiplina li jisma' appelli minn deċizzjonijiet tal-kunsill mediku provinċjali inkluz dwar revoka tal-liċenzja u finalment quddiem il-qorti tal-appell :

> "25. Article 6 para. 1 (art. 6-1) applies only to the determination of "civil rights and obligations or of any criminal charge" (in the French text: "contestations sur [des] droits et obligations de caractère civil" and "bienfondé de toute accusation en matière pénale"). As the Court has held on several occasions, there are some cases (in the French text: "causes") which are not comprised within either of these categories and which thus fall outside the ambit of Article 6 para. 1 (art. 6-1) (see the above-mentioned Le Compte, Van Leuven and De Meyere judgment, Series A no. 43, p. 19, para. 41, and the references therein to previous case law)
>
> Disciplinary proceedings do not ordinarily lead to a contestation (dispute) over "civil rights and obligations"; however, the position may be otherwise in certain circumstances (ibid., p. 19, para. 42).
>
> […]
>
> 26. As in the case of Le Compte, Van Leuven and De Meyere, it is necessary to determine whether Article 6 para. 1 (art. 6-1) applied to the whole or part of the proceedings that took place before the provincial and Appeals Councils, which are disciplinary organs, and subsequently before the Court of Cassation.
>
> *1. Existence of "contestations" (disputes) over "civil rights and obligations"*

27. Dr. Le Compte and, in his alternative submission, Dr. Albert contended that the disciplinary proceedings taken against them gave rise to "contestations" (disputes) over their "civil rights and obligations".

[…]

…………….the evidence discloses the existence of a veritable "contestation" (dispute). The Ordre des médecins alleged that the applicants had committed professional misconduct rendering them liable to sanctions and they denied those allegations. After the Provincial Council had found them guilty and ordered their suspension from practice[28] - decisions that were taken after hearing Dr. Albert's submissions on issues of fact and of law in his case (Brabant) and in absentia in the case of Dr. Le Compte (West Flanders) -, the applicants appealed to the Appeals Council. Their appeals proved unsuccessful, whereupon they applied to the Court of Cassation (see paragraphs 11 and 15 above).

28. In addition, it must be shown that the "contestation" (dispute) related to "civil rights and obligations", in other words that the "result of the proceedings" was "decisive" for such a right (see the Ringeisen judgment of 16 July 1971, Series A no. 13, p. 39, para. 94).

(a) On the first point (direct relationship between the "contestation" (dispute) and a right), the Court would recall that a tenuous connection or remote consequences do not suffice for Article 6 para. 1 (art. 6-1): a right must be the object – or one of the objects – of the "contestation" (dispute) (see the above-mentioned Le Compte, Van Leuven and De Meyere judgment, Series A no. 43, p. 21, para. 47).

According to the Government, "the sole object of disciplinary proceedings" is to "investigate" and "decide whether the person being proceeded against has contravened the rules of professional conduct" or "damaged the reputation or dignity of the profession and, if so", "to impose a disciplinary sanction on him".

The Court is unable to share this point of view. The suspensions ordered by the Provincial Council against Dr. Albert on 4 June 1974 and against Dr. Le Compte on 27 March 1974 were to deprive them temporarily of their right to practise medicine. The appeals they brought were primarily aimed at having the measures in question cancelled. The right to practise was therefore directly in issue before the Appeals Council, which moreover could, and in the case of Dr. Le Compte did, increase the severity of the sanction. It remained in issue before the Court of Cassation, which likewise was required to examine – within the limits of its jurisdiction – the applicants' complaints against the decisions affecting them.

[28] Sottolinear tal-qorti

(b) On the second point (whether it was a civil right), the Court notes that – as in the König case and the case of Le Compte, Van Leuven and De Meyere – the right in issue was the right to continue to exercise the medical profession. In its judgments of 28 June 1978 and 23 June 1981, the Court found that, in the particular circumstances of each of the two last-mentioned cases, this was a private right and thus a civil right within the meaning of Article 6 para. 1 (art. 6-1); it therefore concluded that Article 6 para. 1 (art. 6-1) was applicable (Series A no. 27, p. 32, para. 95, and Series A no. 43, p. 22, para. 48).

The effect of the disciplinary sanctions in question was to divest the applicants, temporarily (Dr. Albert) or permanently (Dr. Le Compte), of the aforesaid right, which they had duly acquired and which allowed them to pursue the goals of their professional life.

[…]

29. Since the "contestation" (dispute) over the decisions taken against them concerned a "civil right", the applicants were entitled to have their cases (in French: "causes") heard by a "tribunal" satisfying the conditions laid down in Article 6 para. 1 (art. 6-1) (see the above-mentioned Golder judgment, Series A no. 18, p. 18, para. 36). In many member States of the Council of Europe, the duty of adjudicating on disciplinary offences is conferred on jurisdictional organs of professional associations. Even in instances where Article 6 para. 1 (art. 6-1) is applicable, conferring powers in this manner does not in itself infringe the Convention (see the abovementioned Le Compte, Van Leuven and De Meyere judgment, Series A no. 43, p. 23, first sub-paragraph). Nonetheless, in such circumstances the Convention calls at least for one of the two following systems: either the jurisdictional organs themselves comply with the requirements of Article 6 para. 1 (art. 6-1), or they do not so comply but are subject to subsequent control by a judicial body that has full jurisdiction and does provide the guarantees of Article 6 para. 1 (art. 6-1).[29]

In the present instance, the applicants' cases were dealt with by three bodies, namely the Provincial Council, the Appeals Council and the Court of Cassation. As in the case of Le Compte, Van Leuven and De Meyere, the Court does not consider it indispensable to pursue this point as regards the Provincial Council (ibid.)[30]. On the other hand, the Court must satisfy itself that before the Appeals Council or, failing that, before the Court of Cassation Dr. Albert and Dr. Le Compte had the benefit of the "right to a

[29] Sottolinear tal-qorti
[30] Sottolinear tal-qorti

court" …… and of a determination by a tribunal of the matters in dispute …… both for questions of fact and for questions of law."[31]

113. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

114. Safejn jikkonċerna l-mertu tal-investigazzjoni u l-proċess akkużatorju tal-Kunsill mertu tal-kawża odjerna, u ċioe' jekk ir-rikorrent hux responsabbli ta' mġieba professjonali ħażina jew inkella kisirx ir-regoli tal-etika professjonali tat-tobba, tali proċess investigattiv u deċiżżjoni eventwali tal-Kunsill ma hux qed jiddetermina drittijiet jew obbligi ċivili tar-rikorrent kif kontemplati fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Il-mertu li dwaru irid jiddeċiedi l-Kunsill huwa jekk ir-rikorrent huwiex responsabbli ta' mġiba professjonali ħażina jew kontra l-etika, mertu dan li ma hu ser jiddetermina l-ebda jedd jew obbligu ċivili fl-ambitu tal-Artikolu 6 u għalhekk ma jaqax fl-isfera tal-Konvenzjoni jew tal-Kostituzzjoni.

115. Il-jedd jew obbligu ċivili jrid ikun il-mertu tal-kontestazzjoni quddiem l-awtorita' ġudikanti sabiex ikun regolat bl-Artikolu 6 u bl-Artikolu 39. Kif rajna ġie miżmum illi konsegwenza remota jew rabta tenwa inċerta dwar jedd ċivili mhux biżżejjed sabiex tikwalifika l-proċeduri ta' dixxiplina in diżamina bħala proċess dwar jeddijiet u obbligi ċivili kontemplat fl-Artikolu 6. Il-jedd ċivili jrid ikun il-mertu tal-proċeduri. (ara. **Le Compte, Van Leuven and De Meyere** QEDB Series A no. 43, p. 21, para. 47 ).

116. Kif qalet il-QEDB fis-sentenza **Gubler v. Franza** mogħtija fis-27 ta' Lulju, 2006 (69742/01) huma l-proċeduri dixxiplinari minn organu ta' dixxiplina li jitrattaw direttament il-mertu dwar jekk professjonist għandux jitħalla jiprattika l-

[31] Ara wkoll **Diennet v. France** (Appl Nru 18160/91) QEDB mogħtija fis-26 ta' Settembru 1995.

professjoni libera tiegħu li jista’ jitqies illi l-organu ġudikanti qed jitratta l-jeddijiet ċivili tal-applikant u li per konsegwenza dak l-organu jrid jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 6:

> 24. The Court notes at the outset that it is clear from its settled case-law that disciplinary proceedings when the issue at stake, as in the present case, is the right to continue practising medicine on a liberal basis, gives rise to ‘disputes over rights ... of a civil nature” within the meaning of Article 6 § 1 of the Convention (see, inter alia, the König v. Germany judgments of 28 June 1978, Series A no. 27, pp. 29-32, §§ 87 to 95; *Albert and Le Compte v. Belgium*, 10 February 1983, Series A no. 58, pp. 14–16, §§ 25-29; *Diennet v. France* of 26 September 1995, Series A no. 325-A, p. 13, § 27). The applicability of Article 6 § 1 of the Convention to the circumstances of the case, which, moreover, is not contested before the Court, is therefore beyond doubt.
>
> 25. The Court then recalls that, even where Article 6 § 1 of the Convention applies, the assignment of the decision on disciplinary offences to ordinary tribunals does not in itself infringe the Convention. **However, the latter then requires, at least, one of the following two systems: either the tribunals themselves fulfil the requirements of Article 6 § 1, or they do not meet them but undergo subsequent review by a judicial body with unlimited jurisdiction which offers the guarantees of that article (*see Albert and Le Compte*, cited above, § 29**).[32] (sottolinear tal-Qorti).

117. Fuq l-istess linja ta’ ħsieb hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Frederick Attard vs. Malta International Airport p.l.c. et** mogħtija fis-17 ta’ Marzu, 2021 fejn osservat:

> 36. ‘Illi l-Qorti tqis li din il-fehma toħroġ ukoll minn deċiżjonijiet li jirrigwardaw ilmenti ta’ ksur ta’ smigħ xieraq u dwar jekk il-funzjonijiet ta’ bord ta’ dixxiplina jkunux jaqgħu taħt l-iskrutinju li jintuża fil-każ tal-proċeduri quddiem il-Qrati jew tribunal [B’eżempju, ara Kost. 12.2.2016 fil-kawża fl-ismijiet **Grace Gatt v. Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et** §§ 46 – 7]. ...... mal-

[32] Traduzzjoni tat-test Franċiż

medda taż-żmien, il-kriterji tal-imparzjalità u l-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq twessgħu biex jgħoddu wkoll għal proċeduri dixxiplinari rigwardanti ħaddiema jew professjonisti. Din il-Qorti tqis li s-sottomissjoni tal-appellant kien ikollha siwi li kieku l-proċeduri ta' dixxiplina li tressaq taħthom ma kinux finali u konklussivi jew ma kellu l-ebda rimedju wara l-eżitu tagħhom. Imma dan ma kienx il-każ, u għalhekk, il-fatt li l-liġi kienet u għadha tagħti lil persuna suġġetta għal proċeduri dixxiplinari l-jedd li tikkontesta dawk il-proċeduri quddiem qorti, iġib miegħu li bord jew korp imwaqqaf biex jeżerċita funzjonijiet dixxiplinari ma jkunx jaqa' taħt il-kejl mistenni minn qorti jew tribunal. F'dan ir-rigward ingħad li "*even where an adjudicatory body determining disputes over 'civil rights and obligations' does not comply with Article 6§1 in some respect, no violation of the Convention can be found if the proceedings before that body "are subject to subsequent control by a judicial body that has full jurisdiction and does provide the guarantees of Article 6§1*" [Q.E.D.B. 8.10.2019 fil-kawża fl-ismijiet **Grace Gatt v. Malta** (Applik. Nru. 46466/16) § 79];"

118. Minn dan isegwi illi sabiex jiġi determinat jekk il-Kunsill Mediku fil-vesti tiegħu ta' awtorita' ġudikanti ta' dixxiplina mwaqqfa b'liġi hux meħtieġ li jissodisfa l-kriterji u l-garanziji ta' Artikolu 6 u Artikolu 39 kif qed jitlob ir-rikorrent permezz tal-ewwel talba tiegħu; jeħtieġ li jiġi determinat: (1) jekk il-proċedura investigativa u akkużatorja tal-Kunsill hiex ser tiddetermina jeddijiet u obbligi ċivili tar-rikorrent; (2) f'każ affermattiv allura jeħtieġ li fil-qadi tas-setgħat lilu mogħtija bl-Artikolu 31 tal-Kap. 464 jissodisfa l-garanziji ta' indipendenza u imparzjalita' garantiti bl-Artikolu 6; (3) jekk jirriżulta illi il-mertu veru u proprju tal-indaġini, akkuża u deċiżżjoni ma hux ser jiddetermina jeddijiet u obbligi ċivili tar-rikorrent, allavolja d-deċiżżjoni finali tista' tolqot tali jeddijiet u obbligi ċivili tar-rikorrent fis-sanzjoni li tista' tordna, allura mhux meħtieġ li l-Kunsill jissodisfa l-garanziji mogħtija bl-Artikolu 6 kemm-il darba tali deċiżżjoni tista' tiġi appellata quddiem qorti jew awtorita' ġudikanti oħra li toffri l-garanziji konktemplati f-Artikolu 6.

119. L-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fix-xogħol awtorevoli tagħhom **"Law of the European Convention of Human Rights**[33] huma tal-fehma li għalkemm is-sentenza **Le Compte, Van Leuven and De Meyers v. Belgium** irrestringiet l-applikazzjoni ta' Artikolu 6 fi proċeduri ta' dixxiplina minn kif kienet iddeċidiet l-istess QDEB fis-sentenza **Ringeisen v. Austria;** jagħmlu referenza għas-sentenza **A. V. Finland**[34] fejn ġie riaffermat il-prinċipju illi: "Disciplinary proceedings that result in a lesser penalty than suspension (eg. A fine) fall within Article 6 provided that interference with the exercise of the right (by suspension or termination) is 'at stake'. Bord ta' dixxiplina ta' korp ta' professjonisti jkun soġġett għas-salvagwardji ta' Artikolu 6 mhux biss meta fi tmiem il-proċess jordna s-sospensjoni jew il-kanċellament tal-liċenzja iżda wkoll meta hemm il-possibilita' li jagħti tali piena. Rilevanti ħafna il-konsiderazzjonijiet tal-QEDB f'dan ir-rigward fis-sentenza fuq imsemmija **A. V. Finland** mogħtija fit-8 ta' Jannar, 2004 fejn membru tal-professjoni legali ġie rrappurtat mill-Kamra tal-Avukati Finlandiża lill-Bord tad-Dixxiplina li min-naħa tiegħu sabu ħati ta' ksur tal-kodiċi ta' mġieba u kkundannah għal ċanfira (warning). L-avukat konċernat ressaq il-każ quddiem il-QEDB jallega li l-Bord ta' Dixxiplina ma tahx smiegħ xieraq. Għalkemm l-applikazzjoni ġiet dikjarata inammissibbli il-konsiderazzjonijiet hemm magħmula mill-QEDB huma fil-fehma ta' din il-Qorti rilevantissimi għall-mertu tal-kawża odjerna:

> The Court recalls that an application for membership in a Bar Association has previously been found to concern an applicant's "civil rights" within the meaning of Article 6 (*De Moor*, cited above), as did an application concerning reinstatement as member in the Bar Association after having been struck off the Bar roll (*H. v. Belgium,* cited above).
>
> The present application, however, concerns disciplinary proceedings. The Court's case-law indicates that <u>disciplinary proceedings in which the right to continue to exercise a profession is at stake give</u> rise to "*contestations*" (disputes) over civil rights and obligations (see *Gautrin and Others,* cited above). It is apparent that

[33] 3rd Edition – 2014; paġ. 392

[34] No. 4498/98 hudoc (2004); 38 EHRR CD 223 Da;

during the proceedings in issue in this case the applicant was at risk of being prevented from continuing to exercise his profession as a member of the Bar Association, if the penalty of expulsion had been applied.

The Court recalls that Article 6 applies only to proceedings concerning "determination" of a "civil right". The outcome of the proceedings must, in principle, be directly decisive for the right in question (see among other authorities the following judgments: *Acquaviva v. France*, 21 November 1995, Series A no. 333-A, p. 14, § 46; *Le Calvez v. France*, 29 July 1998, *Reports* 1998-V, pp. 1899-900, § 56, and *Athanassoglou and Others v. Switzerland* [GC], no. 27644/95, § 43, ECHR 2000-IV). As the Court has consistently held, mere tenuous connections or remote consequences are not sufficient to bring Article 6 § 1 into play (see the following judgments: *Le Compte, Van Leuven and De Meyere v. Belgium*, 23 June 1981, Series A no. 43, p. 21, § 47, and *Masson and Van Zon v. the Netherlands*, 28 September 1995, Series A no. 327-A, p. 17, § 44).

However, for the applicability of Article 6 not only the concrete outcome of the proceedings is of importance. The Court reiterates that it is clear from its settled case-law that disciplinary proceedings in which, as in the instant case, the right to continue to practise a profession is at stake give rise to litigation over "civil rights" within the meaning of Article 6 § 1. The procedural guarantees of Article 6 § 1 apply to all litigants falling into this category and not only those who have not avoided a sanction interfering with their right to continue practising their profession (see *mutatis mutandis*, *Philis v. Greece (no. 2)*, judgment of 27 June 1997, *Reports* 1997-IV, p. 1085, § 45).

In the present case, the applicant was issued a mere warning. No measure withdrawing or affecting his right to exercise his profession was imposed. Nor was the warning made public or any financial consequences shown to have flowed from the warning. Thus, the concrete outcome of the proceedings was not directly decisive for the applicant's right to continue to exercise his profession. **However, it is undisputed that, when the proceedings were started, expulsion from the bar was not impossible. In other words, what was at stake was the applicant's right to continue to exercise his profession as a member of the bar. The Court therefore assumes that Article 6 is applicable.** (enfasi u sottolinear tal-Qorti)

-omissis-

In his reply of 8 April 2002 to the Government's observations the applicant complains, under Article 6 of the Convention, that the Disciplinary Board is not an independent and impartial tribunal within the meaning of Article 6 and that all minimum requirements set for a fair trial were allegedly lacking in the present case.

The Court notes that The final decision in respect of these matters was the Bar Association Disciplinary Board's decision of 30 March 1998, which was notified to the applicant at the latest on 12 June 1998. These aspects were not specified in the application form or put to the Government, but only raised for the first time in the observations in reply on 8 April 2002, outside the six month time-limit imposed by Article 35 § 1 of the Convention. Even assuming that a separate issue

arises under this heading, it follows that this complaint must be rejected under Article 35 § 4.

120. Għalkemm il-QEDB ma kelliex l-opportunita' fil-każ appena ċitat illi tiddelibera dwar jekk il-Bord ta' Dixxiplina kienx tribunal imparzjali u indipendenti fit-termini tal-Artikolu 6 peress li kif rajna l-applikant ma kienx inkluda dak l-aggravju fl-applikazzjoni tiegħu quddiem il-QEDB, il-konsiderazzjonijiet hemm magħmula mill-QEDB dwar l-applikabilita' tal-fergħa ċivili tal-Artikolu 6 għall-awtoritajiet statutorji ta' dixxiplina hija dikjarata mill-aktar mod ċar u fil-fehma tal-Qorti applikabbli għall-każ li għandha hawn quddiemha.

121. Kif rajna il-ġurisprudenza tal-QEDB mhux dejjem konsistenti dwar meta huwa applikabbli il-fergħa ċivili ta' Artikolu 6 f'ċirkostanzi bħal dawk in eżami. Xi drabi ddikjarat illi fi proċeduri ta' dixxiplina mhux meħtieġ li l-bord ta' dixxiplina jissodisfa l-garanziji għall-jedd ta' smigħ xieraq protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jekk il-proċess ma jkunx qed jitratta "direttament" il-kwistjoni tar-revoka jew sospensjoni tal-liċenzja; drabi oħra ddikjarat illi tali ħtieġa tqum biss jekk wara d-deċiżżjoni tal-bord ta' dixxiplina ma jkunx hemm dritt ta' appell quddiem qorti jew tribunal ġudikanti li joffri l-garanziji mogħtija bl-Artikolu 6; u drabi oħra illi l-jedd għal smigħ xieraq fit-termini tal-Artikolu 6 jissussisti quddiem bord ta' dixxiplina anke jekk il-proċeduri ta' dixxiplina potenzjalment jistgħu iwasslu għar-revoka jew sospensjoni tal-liċenja.

122. **Applikata l-ġurisprudenza għall-każ in eżami l-Qorti mingħajr eżitazzjoni tgħid illi Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni japplikaw għas-setgħat mogħtija mill-Kap. 464 lill-Kunsill Mediku b'mod partikolari Artikolu 31, fejn jagħti s-setgħa lill-Kunsill li jinvestiga, jakkuża, jipproċessa u jikkundanna lill-membru tal-professjoni medika; kif ukoll Artikolu 32 illi jagħti s-setgħa lill-istess Kunsill illi f'każ ta' sejbin ta' ħtija jordna fost pieni oħra il-kanċellazzjoni jew is-sospensjoni tal-liċenzja tat-tabib kif ukoll penali sa**

**massimu ta' €20,000.00, liema konklużżjoni il-Qorti qed tasal għaliha għar-raġunijiet segwenti.**

123. Kif ġia rajna supra, Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi "… qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun **indipendenti u imparzjali**;

124. Fil-pubblikazzjoni maħruġa mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem intitolata ***Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights Right to a fair trial (civil limb)***[35] :

> 11. Disciplinary proceedings that do not directly interfere with the right to continue to practise a profession, since such an outcome requires the institution of separate proceedings, are likewise not "decisive" for the purposes of Article 6 (**Marušić v. Croatia** (dec.), 2017, §§ 74-75; see, in a different context, **Morawska v. Poland** (dec.), 2020, § 72).
>
> -omissis-
>
> 39. Article 6 is applicable to disciplinary proceedings before professional bodies where the right to practise a profession is directly at stake (Reczkowicz v. Poland, 2021, §§ 183-185 and the case-law references cited in relation to judges and practising lawyers; Le Compte, Van Leuven and De Meyere v. Belgium (doctors); Philis v. Greece (no. 2), 1981, § 45 (engineer); Peleki v. Greece, 2020, § 39, concerning a notary; compare and contrast with Ali Rıza and Others v. Turkey, 2020, §§ 155 and 159- 160, concerning sports disputes). The applicability of Article 6 to disciplinary proceedings is determined on the basis of the sanctions which the individual risks incurring as a result of the alleged offence (Marušić v. Croatia (dec.), 2017, §§ 72-73 – Article 6 inapplicable). The concrete outcome of the proceedings is not crucial to the assessment of whether Article 6 § 1 is applicable; it may be sufficient, in appropriate cases, that the right to practise a profession is at stake, simply

[35] Kif aġġornat l-aħħar fil-31 ta' Awissu, 2022

because suspension from practising the profession features among the measures that may potentially be taken against the applicant (Peleki v. Greece, 2020, § 39).

-omissis-

175. For the purposes of Article 6 § 1 a "tribunal" need not be a court of law integrated within the standard judicial machinery of the country concerned ………………… What is important to ensure compliance with Article 6 § 1 are the guarantees, both substantive and procedural, which are in place (Guðmundur Andri Ástráðsson v. Iceland [GC], 2020; Rolf Gustafson v. Sweden, 1997, § 45). Thus, a body that does not observe the procedural safeguards under Article 6 cannot be regarded as a "tribunal" established by law (Eminağaoğlu v. Turkey, 2021, §§ 99-105, concerning disciplinary proceedings for judges).

176. Hence, a "tribunal" may comprise a body set up to determine a limited number of specific issues, provided always that it offers the appropriate guarantees (Lithgow and Others v. the United Kingdom, 1986, § 201, in the context of an arbitration tribunal). Moreover, an authority not classified as one of the courts of a State may nonetheless, for the purposes of Article 6 § 1, come within the concept of a "tribunal" in the substantive sense of the term (Sramek v. Austria, 1984, § 36).

177. The fact that it performs many functions (administrative, regulatory, adjudicative, advisory and disciplinary) cannot in itself preclude an institution from being a "tribunal" (H. v. Belgium, 1987, § 50).

-omissis-

184. Demands of flexibility and efficiency, which are fully compatible with the protection of human rights, may justify the prior intervention of administrative or professional bodies and, a fortiori, of judicial bodies which do not satisfy the requirements of Article 6 in every respect (Le Compte, Van Leuven and De Meyere v. Belgium, 1981, § 51). No violation of the Convention can be found if the proceedings before those bodies are "subject to subsequent control by a judicial body that has full jurisdiction" and does provide the guarantees of Article 6 (Denisov v. Ukraine [GC], 2018, § 65; Zumtobel v. Austria, 1993, §§ 29-32; Bryan v. the United Kingdom, 1995, § 40)

185. Likewise, the fact that the duty of adjudicating is conferred on professional disciplinary bodies does not in itself infringe the Convention. Nonetheless, in such circumstances the Convention calls for at least one of the following two systems: either the professional disciplinary bodies themselves comply with the requirements of that Article, or they do not so comply but are subject to subsequent review by "a judicial body that has full jurisdiction" and does provide the guarantees of Article 6 § 1 (Albert and Le

Compte v. Belgium, 1983, § 29; Gautrin and Others v. France, 1998, § 57; Fazia Ali v. the United Kingdom, 2015, § 75).

186. Accordingly, the Court has consistently reiterated that under Article 6 § 1 it is necessary that the decisions of administrative authorities which do not themselves satisfy the requirements of that Article should be subject to subsequent control by “a judicial body that has full jurisdiction” (Ortenberg v. Austria, 1994, § 31).12

-omissis-

189. Where an administrative body determining disputes over “civil rights and obligations” does not satisfy all the requirements of Article 6 § 1, no violation of the Convention can be found if the proceedings before that body are “subject to subsequent control by a judicial body that has full jurisdiction and does provide the guarantees of Article 6 § 1”, that is, if any structural or procedural shortcomings identified in the proceedings before the administrative authority are remedied in the course of the subsequent review by a judicial body with full jurisdiction (Ramos Nunes de Carvalho e Sá v. Portugal [GC], 2018, § 132; Peleki v. Greece, 2020, §§ 58-60).

-omissis-

191. Furthermore, a judicial body cannot be said to have full jurisdiction unless it has the power to assess whether a penalty was proportionate to the corresponding misconduct (Diennet v. France, 1995, § 34, Mérigaud v. France, 2009, § 69).

192. The principle of full jurisdiction has been qualified in a number of cases by the Court’s case-law, which has often interpreted it in a flexible manner, particularly in administrative-law cases where the jurisdiction of the appellate court had been restricted on account of the technical nature of the dispute’s subject matter (Al-Dulimi and Montana Management Inc. v. Switzerland [GC], 2016, § 130; Chaudet v. France, 2009, § 37).
-omissis-

198. If a ground of appeal is upheld, the reviewing court must have the power to quash the impugned decision and to either take a fresh decision itself or remit the case for decision by the same or a different body (Kingsley v. the United Kingdom [GC], 2002, §§ 32 and 34, and Ramos Nunes de Carvalho e Sá v. Portugal [GC], 2018, § 184). In all cases, the domestic courts must conduct an indepth, thorough examination of the applicant’s arguments and give reasons for dismissing the latter’s complaints (Pişkin v. Turkey, 2020, §§ 146-151).

-omissis-

202. Examples of judicial bodies that have not been considered to have "full jurisdiction":

▪ a court which heard appeals on points of law from decisions of the disciplinary sections of professional associations, without having the power to assess whether the penalty was proportionate to the misconduct (**Diennet v. France,** 1995, § 34, in the context of a medical association; **Mérigaud v. France**, 2009, § 69, in the context of an association of surveyors);

▪ a Constitutional Court which could inquire into the contested proceedings solely from the point of view of their conformity with the Constitution, thus preventing it from examining all the relevant facts (Zumtobel v. Austria, 1993, §§ 29-30)13;

▪ a supreme court in the specific context of disciplinary proceedings against a judge (Ramos Nunes de Carvalho e Sá v. Portugal [GC], 2018, § 214)

125. L-awtur **William A. Schabas**: "Article 6 applies to conditions for admission to an occpuation or profession as well as to disciplinary matters within the profession where the right to practice is at stake." [36] ......"The case law of the Convention organs has placed the discipline of professional bodies under the civil limb of article 6 (1).(Albert and Le Compte v. Belgium, ECHR, 10/02/1983, § 30, Series A no. 58). [37]

Ikkunsidrat;

Mill-atti jirriżulta illi f'Settembru 2018[38] l-Kunsill ħareġ ***Notice of Inquiry*** li intbghatet lil Dr Spiteri taħt l-intestatura: ***"Medical Council Malta CC/24/2017 - Complaint of Mr Christian Peregrin (Founder & CEO Lovin Malta) in relation to Dr Stephen Spiteri MD., MMCFD (MC2415)".*** Permezz ta' dan l-avviż ir-rikorrent ġie informat illi l-Kunsill kien fetaħ inkjesta dwaru ai termini tal-Artikolu 31 tal-Kap. 464 fuq rapport magħmul minn Christian Peregrin bl-allegazzjonijiet fuq imsemmija. Il-Kunsill, wara li għamel referenza għal diversi artikoli ta' Kap. 464 fosthom **Artikolu 17 tal-Liġi Sussidjara 464.17** li jipprovdi illi: "**Any practitioner who signs and issues any certificate, report or other**

[36] Op.cit. paġ. 273-274

[37] Op.cit. paġ.283

[38] Il-kopja eżebita għandha parti sostanzjali minnha nieqsa inkluż id-data tal-ħruġ tagħha iżda minn atti oħra eżebiti jidher li din inħarġet f'Settembru 2018.

**document containing statements which he knows, or ought to know, to be untrue, misleading or otherwise improper, shall be liable to have his name erased from the register”** u għall-**Artikolu 5** tal-istess liġi sussidjara li jipprovdi illi “**a doctor shall by his conduct and in all matters set a high standard”**; informah illi:

**“You are therefore hereby accused of having in some manner failed to adhere to the professional and ethical standards applicable by virtue of Artikolu 32 (1) (b) and (1) (c) of the Health Care Professions Act (Chapter 464 of the Laws of Malta)”.**[39]

Fit-2 ta' Ottubru, 2018 il-Kunsill Mediku kiteb lill-kwerelant Christian Peregrin u informah illi "After receiving the information in relation to Dr Spiteri the Medical Council Malta has initiated its preliminary examination of the matter under review and has subsequently referred the matter for the necessary proceedings according to law";

126. Din il-korrispondenza turi illi f'xi mument mhux identifikabbli mill-atti proċesswali il-Kunsill Mediku iddeċieda illi mill-proċess ta' investigazzjoni jgħaddi mill-ewwel għall-istadju tal-ħruġ tal-akkużi formali kontra r-rikorrent meta skond l-istess Kunsill l-investigazzjoni lanqas kienet għadha bdiet.

127. Dan hu konfermat fost l-oħrajn minn deċiżżjoni preliminari datata 27 ta' Frar, 2020 meħuda mill-Kunsill dwar eċċezzjoni preliminari mqajma mir-rikorrent. F'dik id-deċiżżjoni preliminari il-Kunsill fl-esposizzjoni tal-fatti li kienu seħħew sa dakinhar jgħid : "4. Illi Dr Stephen Spiteri irrisponda li ma huwiex hati tal-akkuzi dedotti kontrih u tramite l-abbli difensur tieghu ressaq l-eccezzjoni tan-nullita' tal-proceduri."

[39] Fol 120 et seq tal-proċess.

128. Kemm il-Kunsill qed jaġixxi fuq inizjattiva tiegħu fit-termini tal-Artikolu 31 tal-Kap. 464 wara li rċeva r-rapport ta' Christian Peregrin joħroġ mill-fatt illi mill-minuti tas-seduta tas-sotto kumitat tal-Kunsill li nżammet fil-15 ta' Ottubru, 2018, filwaqt li hemm imniżżel li dik is-seduta kienet tas-sotto kumitat bħala "Medical Board of Inquiry" wara "Complaint" ta' "Mr Chritian Peregrin Founder and CEO of Lovin Malta in relation to Dr Stephen Spiteri", is-Sur Peregrin ma ġiex mistieden jattendi għal dik l-ewwel seduta. Il-minuti ta' dik is-seduta juru illi apparti t-tlett membri tas-sotto kumitat tal-Kunsill kien hemm prezenti wkoll: "Legal Advisors for Medical Council" u "Legal Advisors for Dr S Spiteri".

129. Il-President tal-Kunsill Mediku waqt is-seduta tas-sotto kumitat minnha presjedut spjegat il-proċedura li kien qed jadotta l-Kunsill: "... dan mhuwiex il-Kunsill Mediku kollu, dan huwa sotto kumitat jigbor ix-xhieda, jaghti rakkomandazzjonijiet, pero' l-Kunsill Mediku mhuwiex marbut bir-rakkomandazzjonijiet u jista' jiddeciedi mod iehor." Spjegat illi x-xhieda kollha jiġu traskritti u qabel tingħata d-deċiżżjoni ikun hemm is-sottomissjonijiet finali. "Id-decizzjoni jigifieri, htija jew mhux htija tittiehed mill-Kunsill Mediku kollu.... mhux mis-sotto kumitat.". Spjegat li x-xhieda kollha tingħata wara li jiġi somministrat il-ġurament u li "Jekk hemm xi haga li trid titqajjem dwar rikuza trid titqajjem issa. Qabel ma tinqara l-Akkuza."

130. Il-President tal-Kunsill kompliet hekk: "Illum ha jinqara l-Att tal-Akkuza. It-tabib jiddikjara hux hati jew mhux hati ...." Ir-rikorrent wieġeb li mhux ħati.

131. Il-minuti ta' dik is-seduta jkomplu bi skambju ta' sottomissjonijiet verbali bejn l-avukati tar-rikorrent u l-avukati tal-Kunsill wara li r-rikorrent qajjem l-eċċezzjoni li dawk il-proceduri kienu nulli.

132. Dak l-iskambju ta' sottomissjonijiet jixħet nuqqas ta' kjarezza dwar il-veru karattru tal-proċeduri ta' dixxiplina li qegħdin hawn jiġu kontestati. L-avukat tal-Kunsill issottometta għan-nom tal-Kunsill illi: "L-ewwel u qabel kollox biex nippreciza ma nahsibx li saret investigazzjoni imma, kull ma sar precedentement ghal dak li sehh s'issa kien skambju ta' korrespondenza, se mai l-istharrig ser jsir fil-proceduri odjerni. U allura l-Kunsill Mediku ma jistax jintqal illi ghamel xi forma ta' investigazzjoni imma kullma ghamel kien biss nforma lil Dr Spiteri dwar dak illi sar maghruf lill Kunsill Mediku u immedjetament inghata wkoll l-opportunita' li jressaq il-veduti tieghu dwar dan. Jekk ser isir xi stharrig, l-istharrig ser isir minn issa 'l hemm u ma sarx qabel ic-cirkustanzi attwali."

133. Fl-istess nifs l-avukat tal-Kunsill issottometta wkoll illi sabiex tiskatta dik il-proċedura ma kienx meħtieġ li r-rapport mill-kwerelant jiġi ġuramentat għaliex il-Kunsill ħass illi għandu jipproċedi bl-investigazzjoni/akkużi minn jeddu fuq dak li ġie lilu rrapportat direttament u minn dak li deher fil-midja soċjali.

134. Minħabba l-miżuri relatati mal-imxija Covid-19 is-seduti quddiem is-sotto kumitat ġew sospiżi. Il-kwerelant Christian Peregrin issejjah sabiex jagħti x-xhieda tiegħu għall-ewwel seduta wara li waqfu r-restrizzjonijiet li ġiet miżmuma fis-16 ta' Lulju, 2020 quddiem is-sotto kumitat tal-Kunsill.

135. **Huwa għalhekk indiskuss illi l-proċeduri quddiem is-sotto kumitat tal-Kunsill kontra r-rikorrent qed jittieħdu mill-Kunsill "minn jeddu" fit-termini tal-Artikolu 31 tal-Kap. 464.**

136. Eżaminati l-fatti rilevanti jirriżulta illi l-Kunsill qed jinvestiga u fl-istess ħin jakkuża lir-rikorrent illi kiser il-kodiċi tal-etika tal-professjoni medika u/jew li kkommetta mġieba ħażina professjonali jew li b'xi mod ieħor naqas milli jottempera ruħu ma' standards professjonali u etiċi applikabbli, mertu dan li per se ma hux ser

jiddetermina l-ebda obbligu jew dritt ċivili tar-rikorrent fit-termini ta' Artikolu 6 u Artikolu 39; fl-istess ħin ir-rikorrent ġie avżat fl-istess att ta' akkuża maħruġa kontrih illi sejbien ta' ħtija jista' jwassal għall-kanċellament jew sospensjoni tal-liċenzja tiegħu.

**Applikabilita' ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni. Proċeduri ta' Dixxiplina ta' Korp ta' Professjonisti.**

137. Stabbilit illi proċeduri ta' dixxiplina minn awtorita' regolatur u fl-istess ħin ġudikanti ta' korp ta' professjonisti taqa' taħt il-fergħa ċivili tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jeħtieġ issa li nikkonsidraw jekk Artikolu 6 hux applikabbli għall-proċess mill-mument li tibda' l-investigazzjoni.

**138. Huwa paċifiku li ż-żamma ta' *standards* għoljien u għaġir etiku fejn tidħol il-ħidma ta' professjonisti huma indispensabbli għall-ħarsien tal-interess pubbliku f'soċjeta' demokratika, indipendentement jekk il-professjonist jeżerċitax il-professjoni tiegħu fil-qasam mediku, legali, inġinerija u ħafna oħrajn. Mingħajr kodiċi ta' etika u standards għoljien is-sistema taf tikrolla; aktar u aktar jekk l-Istat ma jieħux ħsieb li joħloq mekkaniżmi statutorji sabiex mhux biss jirregolaw il-professjonist iżda wkoll fejn hemm bżonn għaġir abbużiv jew mhux etiku jiġi dixxiplinat u sanzjonat inkluż fejn indikat is-sospensjoni jew il-kanċellament tal-liċenzja tal-professjonist.**

139. Dwar l-applikabilita' tal-Artikolu 6 għall-proċeduri ta' dixxiplina l-ġurisprudenza tal-QEDB tagħmel distinzjoni bejn proċeduri ta' dixxiplina ta' korp ta' professjonisti minn awtorita' ġudikanti statutorja li d-deċiżżjonijiet tagħha, b'mod partikolari s-sospensjoni jew il-kanċellament tal-liċenzja, jistgħu jiġu appellati quddiem qorti jew awtorita' ġudikanti oħra li toffri l-garanziji stipulati f'Artikolu 6 u allura huwa miżmum illi l-ewwel awtorita' ta' dixxiplina ġudikanti

ma hux meħtieġ li tissodisfa l-garanziji mogħtija bl-Artikolu 6; u proċeduri ta' dixxiplina minn korp ta' dixxiplina ġudikanti b'setgħat simili fejn id-deċiżżjonijiet, inkluż il-kanċellament jew sospensjoni tal-liċenzja, ma humiex appellabbli quddiem qorti jew awtorita' ġudikanti oħra li toffri l-garanziji konvenzjonali.

140. Kif rajna fil-każ **Le Compte** u **Gubler "...** even where Article 6 § 1 of the Convention applies, the assignment of the decision on disciplinary offences to disciplinary tribunals does not in itself infringe the Convention. However, the latter then requires, at least, one of the following two systems: either the tribunals themselves fulfil the requirements of Article 6 § 1, or they do not meet them but undergo subsequent review by a judicial body **with unlimited jurisdiction** which offers the guarantees of that article"

141. Jekk jirriżulta li minn tali deċiżżjoni tal-Kunsill hemm fi kliem il-QEDB "at stake" kanċellament jew sospensjoni u li minn tali deċiżżjoni hemm dritt ta' appell quddiem awtorita' ġudizzjarji "with unlimited jurisdiction" bis-salvagwardji ta' indipendenza u imparzjalita' kif kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni, allura ikun jista' jitqies li dawn l-artikoli ma humiex applikabbli għall-Kunsill fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt Artikolu 31 tal-Kap. 464. Jekk għall-kuntrarju jirriżulta illi tali dritt ta' appell huwa nieqes, allura Artikolu 6 u Artikolu 39 (2) huma applikabbli għall-Artikolu 31 tal-Kap. 464 bil-konsegwenza illi l-Kunsill Mediku jrid jissodisfa sew fil-komposizzjoni tiegħu u sew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu il-kriterji ta' awtorita' ġudikanti imparzjali u indipendenti kif kontemplati fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 39 (2).

142. Skond **Artikolu 32 (1) tal-Kap. 464,** jekk min jiġi investigat mill-Kunsill (a) jkun insab ħati minn xi qorti f'Malta ta' xi delitt li jkollu piena ta' priġunerija għal żmien li jeċċedi sena jew ta' xi delitti minn dawk imsemmija fl-artikoli 198 sa

205 jew fl-artikoli 206 sa 209 tal-Kodiċi Kriminali; jew( b) kien ħati ta' mġieba ħażina professjonali jew etika f'xi rigward; jew (ċ) b'xi mod ieħor ikun naqas milli jottempera ruħu ma' standards professjonali u etiċi li jkunu japplikaw għalih, il-Kunsill għandu l-poter li fir-rigward tal-persuna konċernata,

(i) ismu jiġi kanċellat mir-reġistru adatt u, fejn xieraq, jirrakkomanda lill-President ta' Malta lil-liċenza ta' dak il-professjonist tiġi rtirata; jew

(ii) (ii) ismu jitneħħa minn dak ir-reġistru għal dak il-perjodu ta' żmien li l-Kunsill rilevanti jista'jistabbilixxi u, fejn xieraq, jirrakkomanda lill-President ta' Malta li l-liċenza ta' dak il-professjonist tkun bl-istess mod sospiża; jew

(iii) tiġi imposta penali, li ma tkunx ogħla minn €20,000.00 fuq il-professjonist fil-kura medika involut; jew

(iv) l-professjonist fil-kura medika involut jiġi mwiddeb; jew

(v) jordna li l-professjonist fil-kura medika jgħaddi minn dak il-perjodu ta' taħriġ jew prattika fil-professjoni taħt sorveljanza għal dak il-perjodu li l-Kunsill rilevanti jista' jiddeċiedi.

143. **Artikolu 36 tal-Kap. 464** imbagħad jipprovdi f'liema ċirkostanza hemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell minn deċiżżjoni tal-Kunsill Mediku**:**

1) Meta skont l-artikolu 32 jew l-artikolu 38 Kunsill rilevanti <u>jistabbilixxi li isem xi persuna għandu jkun kanċellat mir-reġistru[40]</u> adatt, ir-reġistratur tal-Kunsill rispettiv għandu, fi żmien erbatax-il jum mill-ġurnata meta tittieħed id-deċiżjoni mill-Kunsill rispettiv, jinnotifika lill-persuna li isimha għandu jiġi kanċellat b'avviż tad-

[40] Sottolinear tal-qorti

deċiżjoni tal-Kunsill, u għandu, fi żmien dak il-perjoduta' wieħed u għoxrin ġurnata, ukoll jagħti avviż ta' dan lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru.

144. U hawn fejn fil-fehma tal-Qorti il-Kap. 464 jikser il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent sanċiti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u bl-Artikolu 39 (2) tal-Kostitizzjoni għaliex kuntrarjrament għall-dak sottomess mill-Avukat tal-Istat in sostenn tad-disa' (9) eċċezzjoni tiegħu, mhux minnu li mid-deċiżżjonijiet kollha tal-Kunsill Mediku hemm dritt ta' appell għall-quddiem il-Qorti tal-Appell.

145. Fid-**disa' (9) eċċezzjoni l-Avukat tal-Istat** jgħid:

"Illi magħdud ma' dan, sakemm id-deċiżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorita' mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji, allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Fil-fatt, skont l-Artikolu 36 tal-Kap. 464 tal-Liġijiet ta' Malta., id-deċiżjoni tal-Kunsill intimat tista' tiġi attakkata quddiem il-Qorti tal-Appell, kemm fuq punt ta' liġi u fuq il-mertu". (sottolinear tal-Avukat tal-Istat).

146. Fin-nota ta' sottomissjonijiet imbagħad jissottometti illi "Se mai huwa l-artikolu 39 (2) li għandu japplika ................ l-artikolu 39 (2) jitkellem dwar 'qorti' jew 'awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi' liema Kunsill Mediku allura jaqa' taħt dik id-definizzjoni ta' awtorita' mwaqqfa b'liġi. Japplikaw imbagħad għalhekk id-disposizzjonijiet relevanti....."[41]

147. Kif rajna huwa l-Avukat tal-Istat stess li jaċċetta illi għall-Kunsill Mediku japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni.

[41] Fol. 134 tal-proċess

**Ir-Relevanza ta' Dritt ta' Appell.**

148. Dwar id-dritt ta' appell l-Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jgħid illi l-fatt li artikolu 36 (4) tal-Kap. 464 hemm imniżżel li: "(4) F'kull żmien matul wieħed u għoxrin ġurnata min-notifika ta' avviż il-persuna li tkun ġiet notifiakata bih tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell" jagħti l-jedd ta' appell minn kull deċiżżjoni tal-Kunsill.[42] Iżid jgħid aktar 'il quddiem fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu illi "31. Magħdud ma' dan, sakemm id-deċiżżjoni tal-organu amministrattiv tkun tista' tiġi mistħarrġa minn awtorita' mogħnija b'funzjonijiet ġudizzjarji, allura ma hemm l-ebda problema mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq. Fil-fatt, skond l-Artikolu 36 tal-Kap. 464 tal-Liġijiet ta' Malta, id-deċiżjoni tal-Kunsill intimat tista' tiġi attakkata quddiem il-Qorti tal-Appell, kemm fuq punt ta' liġi u fuq il-mertu.."[43] (sottolinear tal-Qorti).

149. Il-Qorti tqis li Kap. 464 jagħmel distinzjoni fejn jidħu sanzjonijiet bejn "kanċellament mir-reġistru" u "tneħħija" temporanzja mir-reġistru. Artikolu 36 (1) huwa ċar, jagħti l-jedd ta' appell meta l-Kunsill Mediku jordna l-kanċellament ta' isem professjonist mediku iżda mhux meta per eżempju l-professjonist mediku jiġi sospiż għal numru ta' xhur jew jiġi kkundannat iħallas penali sa massimu ta' €20,000.

150. Huma diversi s-sentenzi tal-Qrati nostrani li żammew illi tali dritt ta' appell minn deċiżjoni tal-Kunsill Mediku huwa limitat biss għas-sanzjoni estrema tal-kanċellament ta' isem il-membru tal-professjoni medika minn fuq ir-reġistru.

151. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Dr. X vs. Kunsill Mediku** (appell nru. U. 146/2010/1) deċiża fit-28 ta' Marzu, 2014 qieset li:

---

[42] Fol 127 tal-proċess.

[43] Fol. 138 tal-proċess

> "Il-mod normali kif jiġu redatti l-artikoli ta' liġi huwa billi fl-ewwel sub-artikolu tiġi preċiżata l-materja partikolari li sejra tiġi regolata b'dak l-artikolu u mbgħad fis-sub-artikoli ta' wara jsiru l-preċiżazzjonijiet jew derogi li l-leġislatur ikun irid jagħmel dwar dik il-materja. Kieku l-liġi riedet tagħti appell minn kull deċiżjoni kienet tgħid dan fl-ewwel sub-artikolu tal-artikolu 36 billi fih tagħti dritt ta' appell b'mod ġenerali u mingħajr terminu għall-avviż u tipproċedi biex tidderoga jew tirrestrinġi r-regola ġenerali tas-subartikolu (1) billi tgħaddi biex tistipula terminu għall-avviż f'każ ta' kanċellament. Minflok, jidher li fl-ewwel sub-artikolu, kif normalment isir, ġiet puntwalizzata l-materja partikolari tal-artikolu u cioè d-deċiżjoni ta' kanċellament, u mbagħad hemm numru ta' sub-artikoli li jelaboraw u jkomplu jippreċiżaw fuq l-istess materja puntwalizzata flewwel sub-artikolu. <u>Għalhekk l-artikolu 36 kollu jipprovdi biss għal deċiżjoni ta' kanċellament u għalhekk l-appell hu provdut biss minn tali deċiżjoni u mhux minn deċiżjonijiet ta' xorta oħra." (sottolinear tal-qorti).</u>

152. Il-każ kien jirrigwardja appell ta' professjonist mediku minn deċiżżjoni tal-Kunsill Mediku illi wara sejbien ta' "professional and ethical misconduct" taħt l-art. 32(1)(b) u (ċ) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa [Kap. 464] ordnat "a suspension of two months" mill-qadi tal-professjoni. Interessanti l-<u>eċċezzjoni tal-Kunsill Mediku f'dak l-appell</u> li l-appell kien null peress li <u>ma hemmx dritt ta' appell minn minn deċiżżjoni ta' sospensjoni tal-warrant ta' tabib</u> iżda biss meta isem il-professjonist mediku jiġi kanċellat mir-reġistru. Qal hekk il-Kunsill Mediku f'dawk il-proċeduri:

> "Il-ligi hawnekk hija ċara u l-ġurisdizzjoni mogħtija lil din l-onorabbli Qorti tal-Appell hija appuntu dettata u mogħtija b'dan l-artiklu, u preċiżament bis-subartiklu (1) u (4) hawn ċitati. "Huwa biss meta Kunsill rilevanti jistabbilixxi li isem xi persuna għandu jkun kanċellat mir-reġistru adatt li jiskatta d-dritt tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Mill-bqija, persuna soġġetta għal deċiżjoni tal-Kunsill Mediku ma għandha ebda rimedju quddiem din I-onorabbli qorti u din l-onorabbli qorti, min-naħa tagħha, ma għanda ebda ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi appell imressaq quddiemha. "Fil-każ in eżami l-appellant ma għandux ismu kanċellat mir-reġistru. Il-Kunsill ma ddeċidiex hekk. Qari akkurat tad-decide tad-deċiżjoni tad-19 ta' Mejju 2010 hija ċara u inekwivoka: "Hence, considering the above, the medical Council finds ………….guilty

of professional and ethical misconduct in terms of Article 31(1) (b) and (c) of Chapter 464 of the Laws of Malta. Consequently, it is imposing a suspension of two (2) months, It will come into effect one month from the date of the delivery of this judgement". "Id-dritt ta' appell u d-dritt illi l-onorabbli Qorti tal-Appell tiehu konjizzjoni tal-appell u tiddeċidih qiegħed vestit biss bil-liġi fejn il-Kunsill appellat ikun ħa deċizjoni illi jikkanċella isem il-prattikant mir-reġistru meta tinstab ħtija fuq akkużi li jkunu qed jiġu investigati ai termini tal-artiklu 32(1), ossia, meta jkun hemm deċiżjoni ai termini tal-artiklu 32(1)(i) in segwitu għal htija a bażi tal-artiklu 32(1)(a), (b) jew (ċ). Hawnekk bir-rispett qed jiġi sottomess illi dan mhux il-każ. Instabet il-ħtija u ġiet inflitta il-piena kontemplata fl-artiklu 32(1)(ii) – sospensjoni. "U għalhekk din l-onorabbli qorti, a bażi ta' din l-osservazzjoni, għandha tasal sabiex tiddikjara ruħha inkompetenti bil-liġi u b'hekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell." (sottolinear tal-Qorti).

153. Il-Qorti tal-Appell għaddiet sabiex iddikjarat illi appell minn deċiżżjoni tal-Kunsill Mediku li jissospendi, u mhux jikkanċella, l-warrant ta' tabib, huwa null peress li **Kap. 464 ma jagħti l-ebda dritt ta' appell minn deċiżżjoni tal-Kunsill Mediku li jissospendi warrant ta' tabib.**

154. L-istess inżamm fis-sentenza **Tabib X vs. Il-Kunsill Mediku (Appell nru. 277/2019/1)** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-10 ta' Awwissu 2020 fejn ingħad:

"L-avviz li ghalih jirreferi dan is-sub-inciz huwa dak indikat fl-ewwel sub-inciz tal-istess artikolu, u cioe` avviz ta' decizjoni sabiex l-isem ta' persuna jkun ikkancellat mir-registru adatt ai termini tal-Artikoli 32 jew 38 tal-Att Dwar il-Professjonijiet tas-Sahha. Illi ghalhekk huwa car fil-fehma ta' din il-Qorti illi d-dritt ta' appell moghti mill-ligi permezz tal-Artikolu 36 (4) huwa wiehed limitat, u japplika biss fir-rigward ta' decizjonijiet li jordnaw il-kancellament tal-isem ta' persuna mir-registru adatt u ghal ebda decizjoni ohra."[44] (sottolinear tal-qorti).

155. Is-sentenza appena ċitata kienet tirrigwarda appell intavolat minn tabib minn deċiżżjoni tal-Kunsill Mediku fejn ċaħad eċċezzjoni ta' dekadenza msejsa

[44] Ara wkoll **Johanna Van't Verlaat vs. Kunsill Mediku Malti** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-28 t'April 2017.

fuq Artikolu 31 (4) tal-Kap. 464 u ddikjara li l-azzjoni quddiemu ma kenitx perenta. It-tabib konċernat appella minn dik id-deċiżżjoni u l-Kunsill Mediku f'dawk il-proċeduri argumenta għal darb' oħra illi l-appell kien null peress li l-liġi ma kienet tagħti l-ebda dritt ta' appell ħlief meta isem il-professjonist jiġi kanċellat minn fuq ir-reġistru tat-tobba prattikanti. Il-Qorti tal-Appell laqgħet l-eċċezzjoni mressqa mill-Kunsill Mediku; iddikjarat illi l-Qorti tal-Appell ma kelliex il-poter li tisma' appelli minn deċiżżjonijiet tal-Kunsill Mediku ħlief biss meta isem il-professjonist mediku jiġi kanċellat minn fuq ir-reġistru. L-appell ġie dikjarat null.

Fis-sentenza **Dr X v. Kunsill Mediku (Appell nru. 18/2009)** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-27 ta' April 2010 inżamm illi:

> "Illi min-naħa tal-persuna illi isimha jkun ġie deċiż illi għandu jiġi kkanċellat, hija għandha dritt ta' appell quddiem din il-qorti u t-terminu konċess lilha huwa ta' wieħed u għoxrin ġurnata (artikolu 36(4)). "Illi l-artikolu 36 jipprovdi wkoll li d-deċiżjoni tal-Kunsill Mediku tibda sseħħ biss meta jgħaddi t-terminu għal appell jekk ma jsirx appell, jew, jekk isir appell, suġġett għal dawk il-modifiki wara li l-appell jigi deċiż. "Illi minn qari akkurat tal-istess disposizzjonijiet jidher għalhekk li filwaqt li permezz tal-artikolu 32 tal-Kap. 464 il-Kunsill Mediku ngħata s-setgħa li jinvestiga kull allegazzjoni hemm deskritta ta' mġieba ħażina professjonali jew ta' ksur ta' etika minn professjonist fil-kura medika taħt is-sorveljanza tiegħu, u filwaqt ukoll illi l-Kunsill Mediku ngħata ssetgħa illi jieħu passi dixxiplinari varji (artikolu 32(1)) kif kontemplati flistess Att, min-naħa l-oħra jidher li l-leġislatur, permezz tal-artikolu 36(1), ikkwalifika d-dritt ta' appell quddiem din il-qorti u effettivament illimita dan id-dritt ta' appell biss għal dawk l-okkażjonijiet fejn il-Kunsill Mediku jiddeċiedi li isem professjonist mediku għandu jkun ikkanċellat mir-reġistru skont l-artikolu 32 u l-artikolu 38 tal-Kap. 464. "Illi konsistenti ma' dan jingħad li effettivament l-artikolu 36(4) tal-Kap. 464 jipprovdi terminu ta' wieħed u għoxrin (21) ġurnata jekk trid ilpersuna tipproċedi b'appell quddiem din il-qorti, liema terminu għandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-avviż, avviż illi l-istess artikolu jimponi fuq il-Kunsill Mediku l-obbligu li jibgħat lill-persuna konċernata, meta jkun fil-konfront tagħha fl-istess deċiżjoni ordni ta' kanċellament tal-isem tagħha minn fuq ir-reġistru. "<u>Illi minn dan jidher ċar illi dan id-dritt ta' appell quddiem din il-qorti skont it-termini tal-artikolu 36 tal-Kap. 464 jeżisti biss fil-każ</u>

u fl-eventwalità illi l-Kunsill Mediku fid-deċiżjoni tiegħu jiddeċiedi li isem ta' persuna jitħassar mir-reġistru relattiv indikat fl-istess Att."

156. Referenza ssir ukoll għas-sentenza **Dr X v. Kunsill Mediku (App.nru.12/2014)** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjur) fl-14 ta' Ottubru, 2016 fejn għal darb' oħra ġie ribadit illi huwa biss meta isem it-tabib jiġi kanċellat fuq deċiżżjoni tal-Kunsill Mediku li hemm dritt ta' appell. Mis-sanzjonijiet u pieni l-oħra kollha inflitti mill-Kunsill Mediku ma hemmx dritt ta' Appell skond Kap. 464:

> 6. Din il-qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' appell fejn il-liġi ma tipprovdix li hemm dritt ta' appell. Dan minkejja li hu ferm stramb kif fil-każijiet kontemplati fl-Artikolu 32 u 38 tal-Kap. 464 jeżisti dritt ta' appell meta l-Kunsill Mediku jordna l-kanċellament ta' isem minn registru li jżomm il-Kunsill rilevanti, filwaqt li fil-każijiet kontemplati fl-Artikolu 35 il-liġi ma tghidx li hemm dritt ta' appell. Madankollu l-qorti trid tapplika l-liġi. Appell m'huwiex xi dritt awtomatiku kull fejn tittieħed deċiżjoni jew tinghata ordni. Dritt ta' appell minn deċizjoni trid tirriżulta minn disposizzjoni ta' liġi. F'dan il-kaz m'hemmx tali disposizzjoni u għalIekk ir-rikorrent ma setax jimpunja l-ordni billi jappella meta l-ligi ma tatix dak id-dritt

157. **Minn qari tal-liġi applikabbli imsaħħa bil-ġurisprudenza ċitata jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubju illi l-Avukat tal-Istat huwa skorrett meta jgħid fin-nota ta' sottomissjonijiet li Att 463 jipprovdi d-dritt ta' appell minn kull deċiżżjoni tal-Kunsill Mediku relatata mal-proċeduri ta' dixxiplina.** Tali sottomissjoni ma ssib l-ebda fondatezza la fil-liġi applikabbli u wisq anqas fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell.

158. Stabbilit illi huwa biss meta isem il-professjonist mediku jiġi kanċellat mir-reġistru li hemm dritt ta' appell; stabbilit illi fil-każ tas-sanzjonijiet l-oħra kollha inkluz is-sospensjoni temporanja tal-warrant ta' tabib u penali ta' €20,000 ma hemmx appell; isegwi illi sabiex il-poteri mogħtija lill-Kunsill Mediku fil-vesti tiegħu ta' awtorita' quasi-ġudizzjarja ma jiksrux id-dettami tal-Artikolu 6 u tal-

Artikolu 39 (2) tali poteri statutorji jeġtieġ jissodisfaw is-salvagwardji tal-Artikolu 6 u tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni, b'mod partikolari il-kweżit ta' indipendenza u imparzjalita'.

159. Kif rajna Artikolu 31 tal-Kap. 464 jagħti lill-Kunsill is-setgħa li anke minn jeddu jinvestiga, jakkuża u jiġġudika lill-membru tal-professjoni medika dwar xi nuqqas kontemplat fl-Artikolu 32 tal-Kap. 464. Hija manifestament nieqsa fil-Kunsill Mediku l-imparzjalita', rekwiżit essenzjali għal awtorita' ġudikanti li fid-deċizzjonijiet tagħha tiddetermina jeddijiet u obbliġi ċiviili tas-suġġett investigat, akkużat u ġġudikat. Safejn jirrigwarda s-sanzjoni tal-kanċellament tal-liċenzja, hemm kif rajna d-dritt ta' appell. Fir-rigward tas-sanzjonijiet l-oħra kollha l-ebda dritt ta' appell ma hu kkontemplat fil-liġi u dan kif konfermat diversi drabi mill-Qorti tal-Appell.

160. Ġialadarba l-proċeduri isititiwiti mill-Kunsill kontra r-rikorrent potenzjalment jistgħu iwasslu, "is at stake" fi kliem il-QEDB, għas-sospensjoni tal-liċenzja ta' tabib tar-rikorrent mingħajr id-dritt ta' appell; mhux meħtieġ illi l-ewwel ikun hemm deċiżżjoni ta' sanzjoni mill-Kunsill mhux appellabbli sabiex il-Qorti tiddikjara illi l-Kap 464 huwa lesiv tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent sanċiti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u bl-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni.

161. Ġialadarba ma hemmx dritt ta' appell fil-maġġorparti tas-sanzjonijiet li l-Kunsill jista' jimponi, r-rikorrent għandu l-jedd li jkun ġudikat minn awtorita' ġudikanti, f'dan il-każ il-Kunsill Mediku, li tkun imparzjali u indipendenti bis-salvagwardji sanċiti fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 39 (2) tal-Kap. 12. Nieqsa din l-imparzjalita', il-proċedura kollha tal-Kunsill fil-konfront tar-rikorrent tirrenda ruħha lesiva tal-jedd fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

162. Dwar in-nuqqas ta' imparzjalita' oġġettiva tal-Kunsill fi proċeduri ta' dixxiplina in kwantu fl-istess proċess għandu l-funzjoni statutorja li jakkuża minn jeddu lil membru tal-professjoni medika u fl-istess ħin jiddeċiedi dwar dawk l-istess akkużi, l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Procola v. Luxembourg** mogħtija mill-QEDB fit-28 ta' Settembru, 1985:

> The Court notes that four members of the Conseil d'Etat carried out both advisory and judicial functions in the same case. In the context of an institution such as Luxembourg's Conseil d'Etat the mere fact that certain persons successively performed these two types of function in respect of the same decisions is capable of casting doubt on the institution's structural impartiality. In the instant case, Procola had legitimate grounds for fearing that the members of the Judicial Committee had felt bound by the opinion previously given. That doubt in itself, however slight its justification, is sufficient to vitiate the impartiality of the tribunal in question, and this makes it unnecessary for the Court to look into the other aspects of the complaint

163. Rilevanti wkoll is-sentenza **Camenos v. Cyprus** deċiża mill-QEDB fil-31 ta' Ottubru 2017 dwar proċeduri ta' dixxiplina kontra ġudikant:

> 106. The Court notes that it is clear from the proceedings and the SCJ's decision that the SCJ did its best to avoid a procedure that was prosecutory in nature in an attempt to prevent an atmosphere of hostility and confrontation in the proceedings. In its efforts to achieve such a goal, it decided not to assign the duties of a prosecutor to the investigating judge or to any other judicial official and did not put questions to the witnesses, other than a few for clarification purposes. As it observed in its decision, it essentially acted as an audience for the statements by the witnesses. It also put no questions to the applicant (see paragraph 31 above).
> 107. Nonetheless, the fact remains that the Supreme Court itself framed the charges against the applicant and then, sitting as the SCJ, conducted the disciplinary proceedings. In the context of those proceedings it decided on and dismissed the applicant's objection concerning the charge sheet (see paragraphs 19 and 20 above).

108. In such a situation, confusion between the functions of bringing charges and those of determining the issues in the case could prompt objectively justified fears as to the SCJ's impartiality.
109. The Court therefore finds that on the facts of the case and considering the functional defect which it has identified, the impartiality of the SCJ was capable of appearing open to doubt. The applicant's fears in that regard can thus be considered as objectively justified.
110. It follows that there has been a violation of Article 6 § 1 of the Convention on that account.

**164. Applikati dawn l-insenjamenti għall-każ odjern huwa aktar milli evidenti illi l-Kunsill Mediku ma jissodisfax il-kriterju ta' imparzjalita' oġġettiva tenut kont illi bis-saħħa tas-setgħat lilu mogħtija mil-liġi impunjata, huwa stess li qed jakkuża lir-rikorrent, huwa stess li qed iressaq xhieda in sostenn ta' dawk l-akkużi u huwa stess huwa mistenni li skond il-liġi impunjta jiddeċiedi dwar dawk l-istess akkużi.**

**165. Każ klassiku ta' nuqqas ta' imparzjalita' oġġettiva strutturali li jwasslu għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent protett bl-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**Decide**.

Għal dawn il-motivi taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi,

1. **Tilqa'** l-eċċezzjonijiet numri tnejn (2), ħamsa (5), sitta (6) u sebgħa (7) tal-Avukat tal-Istat; u tilqa' l-eċċezzjoni numru ħamsa (5) tal-Kunsill Mediku;

2. **Tiċħad** it-tieni talba tar-rikorrent;

3. **Tiċħad** il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u tal-Kunsill Mediku safejn kompatibbli ma' dak hawn deċiż;

4. **Tilqa'** l-ewwel talba tar-rikorrent, tiddikjara li fil-konfront tar-rikorrenti, in kwantu l-Kunsill Mediku bis-saħħa tal-**Artikoli 31 u 32 tal-Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta' Malta,** għandu l-funzjoni li jinvestiga, jakkuża, iġib xhieda, jiġġudika u jimponi penalitajiet fuq ir-rikorrent, jammonta għall-ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq sanċit bl-**Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** u bl-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** kif inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. **Tiddikjara** nulli l-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent meħuda mill-Kunsill Mediku in kwantu jiksru d-dritt fundamentali tar-rikorent kif fuq deċiż;

6. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-oħra in vista ta' dak hawn fuq deċiż;

7. **Tordna** illi meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jibgħat kopja tagħha lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati ai termini tal-**Artikolu 242(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Dwar il-kap tal-ispejjeż**, minħabba n-novita ta' diversi aspetti tal-mertu tal-kawża, l-Qorti tordna li kull parti tħallas l-ispejjeż rispettivi tagħha.

**Moqrija.**

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**
13 ta' Ġunju, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**